# IL-BLATA KIENET KRISTU

## Il-Fidi Kristjana u l-Istorja tal-Knisja



Harsa lejn il-bidu u l-izvilupp ta’ xi taghlim kattoliku mill-istorja tal-knisja. Ha nzommu shih mat-taghlim ta’ l-appostli; ha jkollna l-kuragg inwarrbu t-tradizzjonjiet umani. B’hekk naghrfu ‘l Alla fis-sewwa u noghgbuh f’kollox.

**WERREJ**


1. Dahla
2. L-Iskrittura Mqaddsa
3. Il-Papat
4. Taghlim Kattoliku
5. Konkluzjoni


**1. DAHLA**

L-Iskrittura sikwit twissina biex ma nhallux min iqarraq bina. "Araw li hadd ma jqarraq bikom," qalilna l-Mulej Gesu' (Mattew 24:4, Mark 13:5, Luqa 21:8). L-istess qalilna l-appostlu Pawlu, "Thallu 'l hadd min iqarraq bikom" (1 Korintin 15:33, Galatin 6:7, Efesin 5:6, Kolossin 2:4, 2 Tessalonkin 2:3). L-istess qalilna Gakbu (Gakbu 1:16). L-appostlu Gwann jirrepeti l-istess twissija: "Thallu ebda bniedem iqarraq bikom" (1 Gwann 3:7).

Ghaliex din l-enfasi kollha? Ghalfejn ghandna noqoghdu b'seba' ghajnejn biex ma nhallux min jidhaq bina?

L-ewwel, ghax il-qerq qatt mhu ovvju. Karta tal-ghaxar liri falza bilkemm tingharaf minn wahda genwina. Hekk ukoll, religjon falza ghandha dehra tixbah kemm jista' jkun il-fidi ta' Kristu. Mhux ghageb li hafna nies sempliciment jassumu li r-religjon taghhom hi vera (ghax hi popolari, jew antika, jew ghax dejjem hekk kienu mghallma), minghajr qatt ma jezaminaw twemminhom.

It-tieni, ghax il-konsegwenzi huma mill-aktar serji. Fil-Vangelu naqraw x'qal il-Mulej Gesu' lir-religjuzi ta' dak iz-zmien. Qallhom: "Ghalxejn iqimuni, billi jghallmu bhala taghlim it-tradizzjonijiet tal-bnedmin" (Mark 7:7). Nistghu nahsbu kif ixxokkjaw ruhhom! Kienu religjuzi, kellhom religjon tmur lura sa minn zmien il-patrijarki u l-profeti, kienu jaqraw l-Iskrittura Mqaddsa, jitolbu, isumu, iqimu 'l Alla fit-Tempju, jaghmlu karita' u jghixu tajjeb kemm jista' jkun. Madankollu f'ghajnejn Alla, ir-religjon taghhom kienet fiergha. Ma kienet tiswa xejn!

X'gara hazin? Ghaliex Alla irrifjuta l-qima taghhom? Il-problema kienet din: ziedu taghlim uman mal-Kelma t'Alla. "Billi jghallmu bhala taghlim it-tradizzjonijiet tal-bniedem." Alla kien tahom il-mappa li twassal ghas-salvazzjoni; minflok imxew maghha biss, ziedu l-ideat taghhom ukoll. Biddlu l-mappa, kif setghu jaslu fid-destinazzjoni tas-sema?

J’Alla ma naghmlux bhalhom u ma nkunux imqarrqin ahna wkoll. Trabbejna f'pajjiz Kattoliku. Nafu sew il-qedem tar-religjon Kattolika li tmur lura sa zmien l-appostli. Nafu l-qima u t-talb; il-qari ta' l-Iskrittura, u l-ghemejjel tajba ta' hafna Kattolici devoti. Fuq hekk ma nistghu nghidu xejn hazin. Anzi bil-qalb infahhru 'l Alla ta' kull haga tajba fir-religjon Kattolika.

Fl-istess hin bl-umilta' kollha u b'sens ta' responsabilita' jehtieg nuru li hemm taghlim zbaljat ukoll. Kemm-il darba smajna li l-knisja Kattolika ilha minn zmien l-appostli tghallem l-istess haga? Fil-fatt maz-zminijiet dahhlu hafna ideat u tradizzjonjiet umani u thalltu mal-fidi ta' Kristu. Kif se naraw, il-mappa originali tbiddlet!

Halli niftakru t-twissija tal-Mulej: La titqarqux! Alla ma jilqax il-qima ta' religjon Kristjana mhallta bit-tradizzjonijiet umani. Ejja naghtu harsa u naraw minn fejn originaw dottrini importanti tal-knisja Kattolika.

M'ghandna ebda hsieb nikkundannaw kulma hu Kattoliku. Wisq anqas ghandna xi haga personali kontra l-mexxejja tal-knisja Kattolika. Jimportani biss mit-taghlim. Irridu infarrfru t-trabb u nwarrbu l-imbarazz li ngabar matul is-sekli, biex il-verita' ta' l-Evangelju tidher ahjar. J’Alla l-Mulej jaghtina l-grazzja naghrfuh fis-sewwa.

**2. L-ISKRITTURA MQADDSA**

**Is-Santi Padri dwar l-Iskrittura**

Is-Santi Padri kienu mexxejja fl-ewwel sekli tal-knisja. Kitbu hafna tajjeb; kitbu hafna hazin wkoll. Kultant jaqblu; sikwit jikkontradixxu lil xulxin. Irridu nzommu quddiem ghajnejna wkoll li hafna kitbiet antiki huma foloz jew imbaghbsa. Madankollu jibqa' siewi naqraw x'qalu dawn in-nies, mhux ghax il-kitba taghhom ghandha valur daqs il-Kelma infallibbli t'Alla, imma ghax jghinuna nifhmu kif bdiet tizviluppa l-knisja bikrija. Fit-tajjeb u l-hazin, dawn in-nies influwenzaw bil-kbir l-andament tal-knisja.

X'kienu jahsbu is-Santi Padri fuq l-Iskrittura? Dawn il-ftit kwotazzjonijiet juru l-attitudni taghhom lejn il-Kelma t'Alla miktuba:

1. L-Iskrittura hi l-oghla awtorita' fil-knisja. Il-knisja ghandha tkun mibnija fuq it-taghlim ta' l-Iskrittura Mqaddsa.
2. It-tradizzjoni u t-taghlim ta' kull bniedem ghandhom ikunu ttestjati bl-Iskrittura Mqaddsa.
3. L-Iskrittura Mqaddsa turina t-triq tas-salvazzjoni u r-rieda t'Alla, twassalna ghall-verita' shiha, u m'ghandna bzonn xejn aktar.
4. L-Iskrittura Mqaddsa tista' tiftiehem minn kulhadd ghax hi cara.

- San Polikarpu (69-155). Epistle of S Polycarp, to the Philippians

Min ibaghbas il-Kelma tal-Mulej skond ix-xewqat tieghu… hu max-xitan. Hallu l-vanita' tal-bniedem u d-dottrini foloz, u morru lejn il-Kelma li giet moghtija lilna mill-bidu.

- Il-knisja ta' Filadelfja (qabel sena 107). Kwotati minn Ignatius, Isqof ta' Antijokja, Sirja, To the Philadelphians

Jekk ma nsibux it-taghlim fid-dokumenti (fl-Iskrittura), ma nemmnux dak li jigi mghallem.

- San Gustinu l-Martri (100-165). Dialogue with Trypho

Irreferu l-hin kollu ghall-Iskrittura.

- San Irinew ta' Lyons (140-202). Against Heresies

L-eretici gabru l-ideat taghhom minn sorsi ohra barra l-Iskrittura. … Ahna tghallimna l-pjan tas-salvazzjoni minghand hadd hlief dawk li permezz taghhom l-Evangelju wasal ghandna, li darba xandru fil-pubbliku, u aktar tard, bir-rieda t'Alla, ghaddewh lilna fl-Iskrirttura, il-pedament u r-rifda tas-sewwa. … Prova ta' l-affarijiet li jinstabu fl-Iskrittura, ma jistghux jinstabu hlief fl-Iskrittura nfisha…. Ejja mmorru ghall-prova skritturali… Mohh f'postu: u li ma jesponiex ruhu ghall-periklu: u li devot lejn l-imhabba u l-verita', jimmedita bil-qalb fuq dak li Alla pogga fil-qawwa tal-bniedem, li tana li nistghu nifhmu, u li nistghu nikbru fl-gherf taghhom, ttghallem facilment billi tistudjhom kuljum. Dawn jaqghu facilment taht l-osservazzjoni taghna, u huma b'mod car u minghajr ambigwita' mqeghdin fl-Iskrittura Mqaddsa… L-Iskrittura kollha… l-Vangeli, jistghu jkunu mifhuma cara … minn kulhadd.

- Klement ta' Lixandra (150-216). The Stromata

Dawk kollha li huma lesti li jahdmu fl-aktar xoghol eccellenti; m'ghandhomx ifittxu l-verita', sakemm isibu l-prova mill-Iskrittura nfisha…. L-Iskrittura li nemmnu fiha hi valida, mill-Awtorita' Omnipotenti ta' l-istess Skrittura. Alla u l-Mulej jghallem permezz ta' l-Iskrittura, l-Evangelju Mqaddes….Min mela jemmen l-Iskrittura u l-vuci tal-Mulej, li bil-barka tal-Mulej tahdem ghall-gid tal-bnedmin, ghandu jkun meqjus fidil… Ahna bil-Kelma tal-Mulej mghallmin l-gherf tal-verita'…

- Tertulljanu (160-240). The Prescription Against Heretics, Against Praxeas

Bil-miftuh tkellem il-Mulej, minghajr ebda sens ta' misteru mohbi. Hu stess ikkmanda; Li dak kollu li smajtu fid-dlam u fis-segretezza, ghandkom tiddikjarawh fid-dawl u minn fuq is-soqfa tad-djar… Fuq kollox (l-appostli) ftakkru fil-kliem, Hallu l-komunikazzjoni taghkom tkun iva, iva, le, le; ghax dak li hu aktar minn dan gej mill-hazen. Ghallura, ma kienux ser ixandru l-Evangelju bi trattament differenti…. Hu nkredibbli li l-appostli kienu; jew injoranti ta' l-iskop tal-messagg kollu li kellhom jiddikjaraw, jew fallew milli jxandru lill-bnedmin ir-regola kompluta tal-fidi. Naraw li waqt li l-appostli xandru b'mod semplici u shih; huma xi knejjes tort taghhom, li warrbu dak li l-appostli ghallmu. Kull suggeriment ta' nuqqas ta' fidi fihom li ssib, juri li huma mmexxija mill-eretici…. Ir-regola vera Kristjana u l-fidi, trid li jkun hemm l-istess verita' fl-Iskrittura… Hu dmirek li tasal ghall-provi tieghek cari mill-Iskrittura…

- Theophilus t'Antijokija. (tieni seklu) Theophilus to Autolycus

Dawk li jixtiequ, jistghu, billi jaqraw dak li ntqal (fil-Kotba Mqaddsa t'Alla), jifhmu ezatt il-verita'.

- San Ippolitu (it-tielet seklu Ruma). Against the Heresy

l-Iskrittura nfisha… tipprova l-verita'…M'ghandniex nemmnu l-interpretazzjoni tal-bnedmin ta' l-Iskrittura, ghax min jaghmel hekk ikun qed ikisser l-Iskrittura…. L-Iskrittura titkellem dak li hu tajjeb. Ikkwota l-passagg kollu, u ssib ir-raguni miktuba…. ngharfu mill-Iskrittura Mqaddsa u minn imkien izjed … dawk minna li jridu jghixu hajja qaddisa ma jistghux jitghallmu l-prattika taghha minn x'imkien iehor hlief mill-orakli t'Alla. Allura ejja naraw kulma xxandar l-Iskrittura Mqaddsa u nitghallmu kulma tghallem…. Ejjew nitghallmu… kif ghazel li jghallimhom bl-Iskrittura Mqaddsa, ejjew niffluha.

- Ciprijanu ta' Kartagni (it-tielet seklu). Epistle/Letter

M'ghandu jkun hemm xejn gdid; xejn mizmum, hlief dak li gie mghoddi. Minn fejn gejja dik it-tradizzjoni? Gejja mill-awtorita' tal-Mulej u l-Evangelju; jew gejja mill-kmandamenti u l-Epistoli ta' l-appostli?... Il-Mulej baghat l-appostli

tieghu… jikkmanda n-nazzjonijiet josservaw dak kollu li Hu kkmanda. Jekk hi mnizzla fl-Evangelju jew qieghda fl-Epistoli jew fl-Atti ta' l-appostli, hallu din it-tradizzjoni Divina u qaddisa tkun osservata.

- Ewsebju ta' Caesarea (263-340). Kwotat minn Atanasju, Letter

B'qalbna miftuha quddiem Alla, ahna lqajna kulma kien stabbilit bil-provi u t-taghlim ta' l-Iskrittura Mqaddsa.

- Atanasju (295-375). De Synodis, Letter, Festal Letter, Four Discourses, Against the Heathen

L-Iskrittura Divina hi sufficenti fuq kull haga… ir-religjon lejn Kristu hi annuncjata fl-Iskrittura divina… Il-fidi vera u qaddisa fil-Mulej kienet murija lil kulhadd, billi hi maghrufa u moqrija mill-Iskrittura Mqaddsa… Hu tajjeb li ngiblek ix-xhieda ta' L-Iskritturi… [Il-kotba ta' l-Iskrittura] huma l-ghajn tas-salvazzjoni, biex dawk kollha li huma bil-ghatx jissodisfaw ruhhom bil-kliem haj li fihom. F'dawn biss jixxandar it-taghlim tat-tjieba. Halli hadd ma jzid maghhom, jew innehhi xejn minnhom…. Hu normali fl-Iskrittura, li tispjega lilha nfisha bi frazijiet semplici u mhux artificjali… It-taghrif fuq ir-religjon taghna u l-veritajiet; huma maghrufa ndipendentement mill-bzonn ta' ghalliema umani, ghax jidhru fid-duttrina ta' Kristu. Jekk trid tisma' dwarha; dwar il-fidi fi Kristu, inti kapaci ssib dan fl-Orakli Divini. L-Iskrittura Qaddisa u Spirata, hi bizzejjed biex tiddikjara l-verita'.

- Ilarju ta' Poitiers (315-368). On the Councils, On the Trinity

Jekk xi hadd jghallem xi haga kontra il-fidi tajba ta' l-Iskrittura…ha jkun mishut. Ahna nemmnu u nsegwu sew u bil-biza' kulma hu miktub fl-Iskrittura divina… mill-appostli… Irridu nipproklamaw, ezatt kif insibuhom fil-kliem ta' l-iskrittura… Hu tajjeb li tkunu sodisfatti bil-Kelma miktuba.

- San Cirillu ta' Gerusalemm Isqof (315-386). The Catechetical Lectures of St Cyril

Rigward il-Misteri tal-Fidi divini u sagri, ma ghandna nghaddu l-anqas l-icken rimarka minghajr l-Iskrittura Mqaddsa; l-anqas ningibdu b'semplici propabilitajiet u argumenti. Temmnunix ghax nghidilkom jien dawn il-hwejjeg, jekk ma tircevux il-prova mill-Iskrittura ta' kulma nghid; ghax din is-salvazzjoni, il-fidi taghna, mhix gejja minn ragunamenti ingenjuzi izda bi prova mill-Iskrittura Mqaddsa.

- Girgor ta' Nissa (330-395). Dogmatic reatises On the Soul and the Resurrection, The Great Catechism

Ahna nqisu l-Iskrittura Mqaddsa r-regola u l-qies ta' kull twemmin; niffissaw harsitna fuqha, u napprovaw biss dak li jaqbel ma' l-intenzjoni ta' dawk il-kitbiet. Ghalina; qbilna li huma ta' min jafdhom, it-taghlim ta' l-Iskrittura Mqaddsa…. Min jista' jichad dik il-verita' li nsibu biss fit-testimonjanza sigillata ta' l-Iskrittura?... L-Iskrittura Divina spirata turi f'dawl l-iktar car.

- San Ambrosju, isqof ta' Milan (339-397). On the Duties, Exposition of the Christian Faith, On the Holy Spirit

Kif nistghu naddottaw dawk l-affarijiet li ahna ma nsibux fl-Iskrittura Mqaddsa?... Ejjew nfittxu fl-Iskrittura, ta' l-appostli… ta' Kristu…. L-Iskrittura tkellmet bi kliem car.

- San Gwanni Krisostmu (347-407). Homilies on the Gospel according to John, Homilies on the Acts of the Apostles, Homilies of the Epistle of Paul to the Romans, The Argument, Homilies on the epistle of Paul to the Ephesians, 2 Thessalonians Homily, Homilies, 2 Timothy Homily.

Tieqfux milli jkollkom l-Iskrittura. Nheggigkom u nitlob li jkollkom l-Iskrittura… Hi haga vera tajba, l-qari ta' l-Iskrittura. Mhu qatt possibli li tiddejqu mill-Iskrittura. Aktar ma wiehed jghix biha; aktar isir jafha, u iktar jara d-dawl pur taghha… Jekk trid taqra l-kitbiet ta' Pawlu; b'mohh miftuh, ma jkollok bzonn l-ebda ghajnuna ohra. Il-Kelma ta' Kristu hi vera u tghid; fittxu u ssibu, habbtu u jifthulkom [Mattew 7:7]… L-injoranza ta' l-Iskrittura tohloq hazen bla ghadd… Il-hwejjeg kollha fl-Iskrittura mqaddsa huma gheziez u miftuha; il-hwejjeg mehtiega huma ilkoll cari… Hu necessarju li jigi stabbilit mill-Iskritturi, u jigi muri b'ezattezza, li dak li jinghad fuq is-suggett, mhux invenzjoni ta'ragunament uman, imma s-sentenza stess ta' l-Iskritturi… Jekk trid titghallem xi haga, titghallima mill-Iskritturi.

- San Gilormu (347-420). Letters, Adv Helvid, In Aggari Proph Cap

Taghtux kaz dak li nghid jien, imma ghatu kaz ta' l-Iskrittura… Nitlob… ghixien fost dawn il-kotba (ta' l-Iskrittura), meditazzjoni fuqhom, gharfien xejn aktar, tfittix xejn iktar… Bhalma nilqghu il-hwejjeg miktuba, hekk ukoll inwarrbu il-hwejjeg li m'humiex miktubin (fl-Iskrittura). … kulma jivvintaw, bhallikieku gej mit-tradizzjoni appostolika, izda minghajr l-awtorita' ta' l-Iskrittura, i-xabla t'Alla tidrob.

- Sant Wistin, Isqof ta' Ippona (353-430). Sermons on Selected Lessons, The City of God, Reply to Faustus, Exposition on the Psalms.

Il-fidi taghna… mhiex migbura fuq opinjoni ta' gudizzju privat, imma bix- xhieda ta' l-Iskritturi… Fost l-affarijiet li hemm imnizzlin cari fl-Iskrittura; hemm dak kollu li jikkoncerna l-fidi u l-manjieri ghal hajja, il-gherf, it-tama u l-imhabba. Meta nsiru aktar familjari mal-lingwa ta' l-Iskrittura, nibdew niskopru u ninvestigaw il-passaggi tqal. Mill-espressjonijiet aktar

cari, nitfghu d-dawl fuq il-passaggi tqal. L-evidenza ta' passaggi cari, jnehhu kull dubju rigward passaggi tqal…. l-Iskrittura Mqaddsa… hi s-sors tal-fidi, li biha l-gust jghix u ahna nimxu biha minghajr ma niddubitaw. Il-verita' ta' l-Iskrittura hi verita' ghaliha. L-Iskrittura ghandha qdusija ghaliha biss… Kull mard tar-ruh ghandu fl-Iskrittura r-rimedju propju…

- Theodoret, isqof ta' Cipru (seklu 5). Dialogues

Jien nobdi l-Iskrittura biss… Ngibu l-provi tal-pozizzjoni taghna mill-Iskrittura Mqaddsa.

- Theonas, isqof ta' Lixandra. – The Epistle of Theonas, Bishop of Alexandria, to Lucianus, The Chief Chamberlain

Thalli l-ebda gurnata tghaddi minghajr ma taqra xi parti mill-Iskrittura Mqaddsa f'hin konvenjenti, u thalli spazju ghall-meditazzjoni. Qatt twarrab id-drawwa tal-qari ta' l-Iskrittura Mqaddsa. Xejn ma jitma' r-ruh u jsahhah il-mohh daqs l-Iskrittura Sagra.

- Dijonisju ta' Lixandra. Letters, Kwotat minn Eusebius Church History

Jekk minghand l-appostli li d-drawwa hadet il-bidu taghha, irridu naggustaw ruhna ghaliha… Rigward affarijiet li nkitbu wara, kienu njorati minghandna, u ghandhom jigu njorati, huma x'inhuma… Bil-kuxjenza u s-sincerita'; u b'qalbna miftuha quddiem Alla, ahna accettajna dak kollu li kien stabbilit bil-provi u t-taghlim ta' l-Iskrittura Mqaddsa.

- Gaius, presbiteru Ruman, Fragments of Gaius

Tinjora lil Kristu, meta ma ssaqsix l-Iskritturi sagri x'jghidu… l-fidi semplici ta' l-Iskrittura Divina.

- Gwann Cassian – The Twelve Books on the Institutes of the Coenobia, Conferences

Bizzejjed il-qari ta' l-Iskrittura Mqaddsa, ghax hu fih innifsu bizzejjed biex ikollok l-gherf veru… ma nserrhux fuq sempliciment opinjonijiet, hsibijiet u argumenti; imma fuq il-prova cara ta' l-Iskrittura.

- Lactantius, Divine Institutes

Il-Kitba Qaddisa hi b'lingwa semplici u komuni… Jista' jkun: Alla li tana l-mohh, il-vuci u l-ilsien; ma jkunx jaf jitkellem b'mod li jinftiehem? Bi hsieb kbir il-quddiem; Alla xtaq l-affarijiet Divini… jinftiehmu minn kulhadd, l-affarijiet li Hu qal lil kulhadd.

- Basil, On the Holy Spirit, Letters

klimna… jrid ikun f'armonija ma' l-Iskrittura… Halli l-Iskrittura spirata minn Alla tiddeciedi bejnietna, u fuq liema naha jinstab li d-duttrina hi f'armonija mal-Kelma t'Alla, favur dan jintefa' l-vot tal-verita'. Gawdi kif taghmel il-konsolazjoni ta' l-Iskritturi Mqaddsa… Rigward il-fidi, tinduna mill-ewwel il-qawwa tal-verita'… bil-prova Skritturali.

- Aphrahat, Demonstrations

Kull min jaqra s-sagri Skritturi…jitghallem u jkun jista' jghallem…il-Kelma t'Alla hi bhal perla, sabiha minn kull naha li ddawwarha… aqra l-Iskrittura…

- Gwann ta' Damasku [675-749], An Exact Exposition of Faith

L-Iskrittura kollha hi moghtija b'ispirazzjoni min Alla, hu hi ta' qligh. Ghalhekk li tfittex l-Iskritturi hu xoghol tajjeb hafna u ta' qligh kbir ghar-ruh…. Ir-ruh msoqqija bl-Iskrittura divina issir sinjura u taghti l-frott. Permezz ta' l-Iskritturi mqaddsa nigu mharrgin nagixxu biex noghogbu lil Alla… Fihom insibu hegga ghal kull virtu u twissija ghal kull vizzju.

L-Iskrittura hi maghmula minn diversi kotba, msejjha kanonici. Huma "kanonici" (jew ir-regola tal-fidi) ghax huma moghtija b'ispirazzjoni min Alla.

<u>Testment il-Gdid</u>

Sa tarf l-ewwel seklu (98), il-kotba kollha tat-Testment il-Gdid kienu miktuba u jinstabu f'idejn id-dixxipli fil-knejjes bikrija. Kienu jafu li huma kotba Spirati u ghalhekk kienu jinqraw fost il-knejjes, u jigu kkuppjati u mqassmin fost il-knejjes. Kien hemm qbil generali mill-bidu dwar il-Vangeli, l-Atti u l-Epistoli, u l-knejjes kienu jqishom li huma Skrittura.

Xi kotba kien inqas maghrufin fost is-Santi Padri, izda sa tmiem is-seklu erba' kien hemm qbil shih fuq is-27 ktieb tat-Testment il-Gdid kif tixhed il-kitba t'Atanasju fis-sena 367, u aktar tard is-sinodi ta' Ippona (393) u Kartagni (397) fl-Afrika ta' Fuq. M'hemm ebda differenza fin-numru ta' kotba tat-Testment il-Gdid bejn il-Kattolici u Protestanti.

**L-Iskrittura Mohbija mill-Poplu**

It-taghrif tal-Kelma t'Alla huwa dawl u hajja, u jhares lil Kristjani mill-qerq u duttrina falza. Matul l-istorja tal-knisja, peress li l-Iskrittura inhbiet mill-lajci, il-poplu sar ghal kollox dipendenti fuq "il-knisja" (jigifieri l-kleru) ghall-gharfien u d-direzzjoni spiritwali.

Fil-Medju Evu, l-Knisja Kattolika ghamlet minn kollox biex tahbi l-Iskrittura minn idejn il-poplu. Il-Koncilju ta' Toulouse (1229) u Teragona (1234) ma hallewx l-lajci jaqraw l-Iskrittura fl-ilsienhom. Il-Papa Piju IV (1560) stqarr kif l-esperjenza ghallmithom li jekk jippermettu lil kulhadd jaqra l-Iskrittura fl-ilsien komuni, issir aktar hsara milli gid ghall-Knisja Kattolika. Ghalhekk taw ukoll istruzzjonjiet biex ma' tinghatax l-assuluzzjoni lil min ikollu fil-pussess tieghu kopji ta’ l-Iskrittura f'ilsien pajjizu. Il-poplu thalla f'injoranza kbira: x'jiswa' l-Evangelju u l-liturgija bil-Latin, b'lingwa mhix mifhuma?

William Tyndale, ex-qassis Kattoliku li ghex ghall-bidu tas-seklu sittax (1494-1536); ittraduca l-Iskrittura ghall-Ingliz. Fil-11 ta’ Frar 1526, 36 ufficjal tal-Knisja Kattolika, fosthom Gwanni Fisher u Tumas Moore harqu kopji ta' l-Iskrittura bl-Ingliz ta' Tyndale u akkuzawh bhala sakranazz u satanist. Fis-6 ta' Ottubru 1536 gie maqtul bhala eretiku u gismu gie mahruq. F'Malta l-Protestanti kienu minn quddiem biex jippublikaw l-Iskrittura bil-Malti. Sabu oppozizzjoni kbira mill-awtoritajiet ekklezjastici Kattolici. Fis-seklu dsatax, l-isqof Mattei ta ordni biex jingabru u jinqerdu dawn l-Iskritturi.

Iz-zminijiet inbidlu. Ruma ma setghetx tibqa' tahbi l-Kelma t'Alla minn idejn in-nies. Izda l-ghan ewlieni ma nbidel qatt. Il-Knisja Rumana trid li l-poplu jsegwi t-taghlim taghha b'ghajnejh maghluqa u minghajr jistaqsi dwar il-validita' tat-taghlim taghha. Dan taghmlu billi sa minn ckunithom iddahhal f'mohh in-nies l-impressjoni li l-Iskrittura hija ktieb tqil u li ma tistax tifhmu wahdek, u ghalhekk ma tistax tinterpretah skond il-hsieb tieghek. Dejjem ghandek taqra l-Iskrittura skond it-taghlim tal-Knisja Kattolika. Hafna jaghzlu t-triq l-facli: halli l-Iskrittura fuq l-ixkaffa, isma' dak li jghidlek is-sacerdot u halli f'idejh!

**It-Tradizzjoni**

Il-fidi ta' Kristu ghandna tigi mghallma u mghoddija minn generazzjoni ghall-ohra bit-taghlim verbali u l-kitba. Dan il-process jissejjah tradizzjoni. It-tradizzjoni Kristjana ghandha tkun mibnija fuq il-Kelma t'Alla fl-Iskrittura. Altrimenti jidhlu ideat u dottrini ta' origni umana, kif ghandu habta jigri, u jithassar l-Evangelju.

Kif se naraw f'din il-harsa qasira lejn l-istorja tal-Knisja Kattolika, hafna dottrini u taghlim isibu l-bidu taghhom fil-kitbiet u hsibijiet umani, u mhux fl-Iskrittura. Biex tiggustifika lilha nnifisha, il-knisja Kattolika ghawwget il-kuncett tat-tradizzjoni biex tkun tista' tghid li dawn id-dottrini huma wkoll gejjin minn Alla avolja ma jinstabux fl-Iskrittura.

Skond il-Koncilju ta' Trentu (1545 u wara), it-Tradizzjoni hi meqjusa awtorevoli daqs il-Kelma t'Alla fl-Iskrittura. Jghallmu li t-Tradizzjoni hi ghajn ta' rivelazzjoni t'Alla, distinta mill-Iskrittura, u tmur lil hemm minn dak li hu miktub fl-Iskrittura. Dan ifisser li bicca mit-taghlim ta' Kristu u l-appostli jinstab fit-Testment il-Gdid, u bicca ohra wasal ghandna verbalment permezz ta' l-isqfijiet Kattolici.

Hadd ma jaf ezattmant x'inhu dan it-taghlim (msejjah Tradizzjoni) u ghalhekk il-mexxejja Kattolici jistghu jghallmu kulma jfettlilhom, u jekk xi hadd jghid li dak it-taghlim ma jinstabx fl-Iskrittura, dejjem jistghu jghidu li jinstab fit-Tradizzjoni. Kif tista' tmerihom?

- Niftakru x’qal San Gilormu (347-420). Letters, fuq din l-idea falza tat-Tradizzjoni

Taghtux kaz dak li nghid jien, imma ghatu kaz ta’ l-Iskrittura…

**L-Awtorita' tal-Knisja**

Skond it-taghlim kattoliku, il-Kristjan ordinarju ma' jistax jifhem l-Iskrittura sew, u m'ghandu l-ebda mod kif jivverifika x'hemm fit-Tradizzjoni. Triq wahda hemm miftuha quddiemu biex jaghraf ir-rieda t'Alla: jafda ruhu f'idejn il-mexxejja tal-Knisja Kattolika. San Alfonsu Liguori (1696-1787) fil-kitba tieghu Qdusija, jassigurana li hemm iktar certezza li tkun qed taghmel ir-rieda t'Alla meta tobdi lill-Papa milli meta tobdi lil Gesu' Kristu. Il-kardinal Hosius, fi zmien il-Koncilju ta' Trentu, iwissina li kieku m'hemmx l-awtorita' tal-knisja Kattolika l-Iskrittura ma tkunx iktar importanti mill-hrejjef ta' Esopu. Il-Papa Gwanni Pawlu II (1992) jesigi minn kull Kattoliku li jissottmetti l-intellett u r-rieda tieghu ghat-taghlim tal-Papa u l-isqfijiet Kattolici, u jekk le, ghandu jigi kkundannat bil-kastig li jisthoqqlu (Ligi Kanonika, 752, 753). Fi kliem iehor, trid toqghod ghat-taghlim kollu tal-Papa u l-isqfijiet anke f'dak it-taghlim li tahseb li ghandhom zball.

Il-gerarkija Kattolika ma tippermettix kontabbilita' ghat-taghlim taghha. Il-magisteru jghallem kulma jrid u hadd ma jista' jghid xejn. Kif tista'? L-Iskrittura trid tifhimha skond it-tifsira tal-knisja Kattolika; it-Tradizzjoni hadd ma jaf fejn tibda u tispicca; u biex tkun Kattoliku tajjeb, trid iccedi sahansitra l-intellett u r-rieda tieghek ghall-mexxejja Kattolici!

- Kemm jaghmel aktar sens il-kliem ta' San Cirillu, u kemm nixtieq li hafna Kattolici Maltin jehduh bis-serjeta': San Cirillu ta' Gerusalemm Isqof (315-386). The Catechetical Lectures of St Cyril.

Temmnunix ghax nghidilkom jien dawn il-hwejjeg, jekk ma tircevux il-prova mill-Iskrittura ta' kulma nghid; ghax din is-salvazzjoni, il-fidi taghna, mhix gejja minn ragunamenti ingenjuzi izda bi prova mill-Iskrittura Mqaddsa.

**3. IL-PAPAT**

**L-Evoluzzjoni tal-Papat**

L-isqof ta' Ruma, illum imsejjah il-Papa, jafferma li hu l-mexxej suprem u infallibbli tal-Kristjani mad-dinja kollha. Dan kien hekk mill-bidu tal-knisja? Veru li din l-awtorita' kienet moghtija l-ewwel darba lil Pietru meta qallu, "Inti Pietru, u fuq din il-blata nibni l-knisja tieghi"? X'gara matul l-istorja biex l-isqof ta' Ruma ghola daqshekk?

Fi zmien l-appostli diga kien hemm knisja f'Ruma. L-Iskrittura ma tghid xejn li Pietru mar Ruma, wisq anqas li kien il-fundatur jew l-isqof tal-knisja f'dik il-belt. Kieku Alla jrid lil Kristjani kollha fid-dinja jbaxxu rashom ghal-isqof ta' Ruma, ghaliex l-Ispirtu s-Santu ma qal xejn fuq hekk fl-Iskrittura?

Kieku Pietru kien isqof ta' Ruma, ghaliex l-appostlu Pawlu lanqas biss sellimlu fl-Epistola lir-Rumani, specjalment meta tiftakar li Pawlu jsemmi lista twila ta' nies? Jista' jkun li ma semmihx sempliciment ghax Pietru ma kienx hemm?

Wara l-mewt ta' l-appostli, il-knejjes kienu jitmexxew mill-isqfijiet. Ghall-bidu kien ikun hemm diversi isqifijiet (li kienu jissejhu wkoll presbiteri) f'kull belt (ara Filippin 1:1). Biz-zmien beda jkun hemm isqof wiehed mghejjun minn numru ta' presbiteri (li aktar tard bdew jissejhu qassisin).

- San Irinew ta’ Lyons (140-202) – Iraenues Against Heresies

isemmi lista ta’ isqfijiet f'Ruma, bl-ewwel wiehed, Linus (msemmi f'2 Timotju 4:21), imbaghad Anecletus, San Klement (80-101), Evaristus, Alexander, Sixtus, Telephorus, Hyginus, Pius, Anicetus u Eleutherius. B'daqshekk ma jfissirx li kienu Papiet! Kienu isqfijiet ta' Ruma, mhux tad-dinja.

- San Ciprijanu, fis-perjodu 252-4, The Epistles of S Cyprian

jichad li l-Isqof ta' Ruma ghandu awtorita' suprema fuq il-knisja. L-Isqof ta’ Ruma ordna lill-Isqfijiet tal-Knisja Spanjola, biex jergghu ibiddlu decizjoni taghhom. Il-Knisja Spanjola ma accettatx li jbiddlu d-decizjoni taghhom u Ciprijanu; publikament injora l-ordni ta’ l-Isqof ta’ Ruma, billi avza l-Isqfijiet Spanjoli, biex jinjoraw l-ordni ta’ l-Isqof ta’ Ruma, u jzommu mad-decizjoni originali taghhom. Stiefnu, Isqof ta’ Ruma ( 256), ma’ kienx obdut mill-Koncilju ta’ Kartagni, minn 87 Isqof , fosthom San Ciprijanu, u dan il-fatt kien kwotat ukoll minn Sant Wistin, Isqof ta' Ippona (353-430) On Baptism.

‘’Hadd minna ma jpoggi lilu nnifsu ‘l fuq bhala Isqof ta’ l-Isqfijiet, jew b’terrur ta’ tirann jgieghel il-Kollegi tieghu b’necessita’ li jobduh, ghax kull Isqof… jistenna l-Gudizzju ta’ Sidna Gesu’ Kristu, Hu Biss, ghandu l-poter…’’

Fil-bidu l-knisja kienet ippersegwitata mill-imperaturi Rumani. Kollox inbidel fil-bidu tas-seklu erbgha bil-konverzjoni ta' l-imperatur Kostantinu (312-336). Dak li qabel kien jippersegwita lill-knisja, issa sar il-protettur u l-benefattur taghha, bhalma ghamlu l-imperaturi ta' warajh. L-isqfijiet inghataw unuri kbar, specjalment l-isqof ta' Ruma, il-belt imperjali. L-isqfijiet tal-bliet ewlenin (Alessandrija, Antjokja u Gerusalemm fil-lvant, u Ruma fil-punent ta' l-imperu) bdew jiehdu hsieb tal-knejjes fir-regjun taghhom. Ruma ma kelliex setgha fuq il-knisja kollha. Dan jidher car mill-Koncilju ta' Niceja (325) fejn gie stabbilit li l-knejjes ta' l-erba' bliet ewlenin kellhom gurisdizzjoni fost l-ahwa Kristjani fil-limiti taghhom. Ghalhekk l-isqof ta' Ruma kellu setgha fuq il-knejjes tal-punent biss u mhux fuq il-knejjes Kattolici kollha.

Il-knisja Rumana kient meqjusa hafna mill-Kristjani, ghax Ruma kienet belt ewlenija ta' l-imperu. Ghalhekk il-knisja ta' Ruma kienet stmata hafna, u maghha, naturalment l-isqof ta' Ruma. Sfortunatament, l-isqfijiet ta' Ruma bdew jintefhu bil-kburija, u pass pass, bdew jitkabbru bhallkieku kienu s-sidien tal-knisja t'Alla.

L-imperaturi Rumani kienu jissejhu "Pontifex Maximus" (il-qassis il-kbir). Fis-seklu erbgha (376) l-imperatur Gratjan cahad dan it-titlu pagan, izda ftit wara gie moghti lil isqof ta' Ruma (378). Il-Papa jissejjah il-Pontifiku (The Pontiff); titlu li zgur ma gabux mill-Kelma t'Alla.

Meta l-imperatur telaq minn Ruma u ghamel lil Konstantinopli l-belt ewlenija ta' l-imperu, l-isqof ta' Ruma mela l-vojt li halla warajh u sar il-mexxej kemm fi hwejjeg spiritawli kif ukoll fi hwejjeg materjali. Il-kilba ghal aktar poter kompliet tikber. Kien hemm firda u ghira bejn il-patrijarki ta' Ruma u Kostantinopli, li eventwalment wasslet ghal xizma fil-Knisja Kattolika li ghadha sal-lum.

Is-setgha tal-Papa baqghet tikber sakemm naslu fil-quccata fi zmien Innocent III, li bla habi kien iqis lilu nnifsu bhala Alla fuq l-art! L-istess ghamlu l-papiet ta' warajh.

"Dwar l-awtorita' papali, il-Papa hu bhal Alla fid-dinja, wahdu sovran fuq il-fidili ta' Kristu, sultan ewlieni tas-slaten, kollu qawwa, fdat minn Alla omnipotenti biex jiggverna s-saltniet ta' l-art u s-sema." (Lucius Ferrraris, Promta Bibliotheca Canonica, seklu tmintax). Illum tintuza lingwa aktar kawta imma il-hsieb ghadu l-istess. Skond il-Koncilju Vatikan I (1870), lil Papa "kien moghti s-setgha shiha minn Sidna Gesu' Kristu biex jirgha, jmexxi u jiggverna l-knisja universali."

**Fuq Din il-Blata**

Minn meta konna ghadna zghar qalulna li Pietru (u s-successuri tieghu) huwa l-blata li fuqha mibnija l-knisja ta' Kristu. Tassew li Gesu' qallu: "Inti Pietru, u fuq din il-blata nibni l-knisja tieghu." Kif kienu jahsbuha s-Santi Padri? Ghal min kien qed jirreferi Gesu' meta qal 'din il-blata'? Hafna minnhom kienu jemmnu li l-blata kienet Kristu jew l-istqarrija ta' Pietru fuqu (Inti l-Kristu, Bin Alla l-haj). Anke dawk is-Santi Padri li fissru l-blata bhala Pietru, ma kinux jifhmu li Pietru, u wisq inqas l-isqof ta' Ruma, kien il-kap infallibli tal-knisja universali.

- Ewsebju ta' Caesarea (263-340). Commentary on the Psalms

Ghall-knisja t'Alla: l-ewwel pedament taghha; Hu dik il-Blata solida li fuqha mibnija. Kif tghid l-Iskrittura, Fuq din il-Blata nibni l-knisja tieghi u l-infern ma jerbahiex. U fl-Iskrittura wkoll: Il-Blata kienet Kristu; ghax kif jindika l-appostlu bil-kitba, l-ebda pedament iehor ma jista' hadd iqiegħed hlief dak li hemm, li hu Kristu Gesu'.

- Sant Wistin, Isqof ta' Ippona (353-430). Sermons on New Testament Lessons, Augustine Sermons, On Rebuke and Grace, The Retractions, Augustine on the Psalms

Kristu hu l-blata… Ghalhekk, qal Gesù, 'Int Pietru, u fuq din l-Blata' li inti stqarrejt u gharaft, meta ghidt 'Inti l-Kristu, Bin Alla l-haj' jien nibni l-knisja tieghi; jigifieri fuqi, fuq l-Iben t'Alla l-haj, nibni l-knisja tieghi… tinbena… fuq il-Blata… Kristu… Kristu… hu… il-blata… il-blata kienet Kristu… Kristu nnifsu hu… l-Blata li fuqha mibnija l-Knisja.

- Theodoret, isqof ta' Cipru (Seklu 5) Epistle

Ha nisimghu l-Mulej Kristu jwettaq din l-isqarrija, 'Fuq din il-blata nibni l-knisja tieghi u l-bibien tal-infern ma jeghlbuhiex … ghax pedament iehor hadd ma jista' jqieghed, li hu Gesu' Kristu… il-kitteb Divin jaghraf lill-Kristu bhala l-pedament.

- Cassiodorus (490-583) Exposition in the Psalms

Ghax il-Knisja ma tistax tigi mcaqalqa, ghax hi maghrufa li hi mibnija, fuq dik il-blata l-aktar solida, jigifieri, Kristu l-Mulej…Il-pedament tal-Knisja hu Kristu l-Mulej, li b'hekk izomm il-Knisja flimkien, biex bl-ebda skoss ma tkun tista' tiggarraf, kif jghid l-Appostlu – Ghax l-ebda pediment iehor hadd ma' jista' jqieghed, hlief dak li hu mqieghed, li hu Kristu Gesu'.

**Isqof Universali**

Ghandu isqof ta' xi belt awtorita' fuq il-knisja universali, fuq il-knisja kollha, kif tghallem il-knisja Rumana illum?

Ghalkemm fis-seklu sitta Girgor il-Kbir hadem kemm felah biex isahhah l-awtorita' ta' l-isqof ta' Ruma, cahad it-titlu ta' isqof universali. Sejjahlu titlu ta' kburija u bluha. Canfar bil-qawwa kollha lill-Patrijarka ta' Kostantinopli, Gwanni IV, meta accetta dan it-titlu. Din hi silta mill-ittri li kiteb Girgor lil Gwanni:

- Girgor I [il-Kbir], Isqof ta' Ruma (590-604). Epistles of Gregory the Great.

Hadd (mill-appostli u l-qaddisin kollha) ma xtaq jissejjah universali. Issa halli … jaghraf kemm qed tintefah meta trid tissejjah b'titlu li hadd… ma ssogra jsejjah lilu nnifsu hekk…ahna l-isqfijiet x'nistghu nghidu fuqna stess, li ircivejna unur mill-umilta' tal-Feddej taghna, imbaghad nimitaw il-kburija ta' l-ghadu? …X'inhu, ghaziz hija, x'tghid fil-gudizzju li gej meta tkun ezaminat, jekk tixtieq tissejjah fid-dinja … bhala missier generali?... Ara, minhabba dan it-titlu miskerrah ta' kburija il-knisja tinqasam minn nofs, u toffendi l-qlub ta' l-ahwa kollha… …min isejjah lilu nnifsu, jew jixtieq li jissejjah Universali… hu waqt li qed jintefah, il-prekursur ta' l-AntiKrist, ghax bi kburija ipoggi lilu nnifsu fuq l-ohrajn kollha. U bi kburija simili, hu mehud fl-izball, ghax dak il-pervers jixtieq jidher bhala Alla fuq kull bniedem…

Tragikament il-Papiet wara Girgor laqghu dan it-titlu, u ghadhom sal-lum jesigu li ghandhom setgha universali fuq l-Kristjani kollha. "L-isqof ta' Ruma…ghandu fil-Knisja setgha shiha u suprema u universali" (Katekizmu, 882).

**Kitbiet Foloz**

Fiz-zmien meta l-qawwa tal-Papa bdiet tikber sew, il-papiet u kittieba Kattolici kienu jikkwotaw minn kitbiet antiki li kienu juru li l-isqof ta' Ruma ghandu setghat kbar fuq il-knisja u fuq id-dinja.

Ghal nofs is-seklu tmienja tfacca ktieb bl-isem "Id-Donazzjoni ta' Kostantinu" li suppost kien id-dokument legali li kiteb l-Imperatur Kostantinu lill-Isqof ta' Ruma, Silvestru, bejn is-snin 314 u 335. Miktub b'Latin li kien ghadu mhux mitkellem fis-seklu erbgha' u jsemmi titli li ma' kienux jintuzaw f'dik l-habta! Jirrakkonta l-istorja kif suppost l-Imperatur Kostantinu ta b'donazzjoni d-drittijiet sovrani tieghu lill-kap tal-Knisja ta' Ruma.

Ghal bidu tas-seklu disgha (845) tfacca ktieb iehor, il-"Pseudo-Isidorian Decretals," li jigbor siltiet suppost miktuba minn isqfijiet tal-knisja f'Ruma fl-ewwel sekli. Il-kittieb spjega postijiet f'Ruma li ma kinux inbnew qabel is-seklu disa' u semma titli li ma' kinux jintuzaw qabel l-istess zmien!

Dawn id-dokumenti kienu jaghtu setgha kbira u universali lill-isqof ta' Ruma, u l-Papiet u kittieba Kattolici kkwotawhom kemm felhu biex jaghtu prova tal-primat u s-supremazija tal-Papa.

Sahansitra Tumas Akwina (1225-1274) kien jghallem li kienu genwini (perjodu 1264), u minhabba l-influwenza tieghu, hadd ma kien jobsor li ma kienux veri.

Izda fis-seklu sittax inkixef li dawn kienu dokument t'ingann, fabrikazzjoni u qerq. Illum m'hemmx skular Kattoliku Ruman li ma jammettix dan. L-Enciklopedija Kattolika wkoll tghid car li dawn il-kitbiet kienu dokumenti foloz.

Wiehed jistenna allura li l-mexxejja tal-Knisja Kattolika jindmu u jammettu li l-awtorita' taghhom kienet msejjsa fuq ir-ramel. Sal-gurnata tal-lum, dan ghadu qatt ma sehh, anzi jibqghu bil-qawwa kollha jghidu li ghandhom setgha fuq il-knisja kollha!

**Infallibilita'**

Illum il-Papa huwa meqjus infallibbli: ma jistax jizbalja fit-taghlim dwar il-fidi u l-morali. L-infallibilta' tal-Papa hi duttrina ricenti (minn zmien il-Koncilju Vatikan I, 1870). Sa ghoxrin sena qabel dak il-koncilju, katekizmu Kattoliku (Keenan Catechism) kien jghallem li l-ideja ta' l-infallibbilita' tal-Papa kienet invenzjoni Protestanta, u mhix artiklu tal-fidi Kattolika.

Hafna Kattolici opponew din id-dottrina gdida. Waqt l-Koncilju Vatikan I, l-isqof Joseph George Strossmayer ta' Diakovar tkellem kontriha.

- L-istoriku Kattoliku Ruman, Johann Joseph Ignaz von Dollinger, The Pope and the Council, ukoll oppona bis-shih u wera mill-istorja tal-knisja li l-papa ma kienx meqjus infallibbli.

Dan hu fatt – li Koncilji Kbar, preseduti minn Papiet, universalment accettaw wara minghajr estazjoni madwar il-Knisja, u ppronunzjaw id-decizjonijiet dommatici ta’ Papiet precedenti bhal eretici, u sahtuhom b’ismhom bhala eretici – hi prova , cara daqs ix-xemx f’nofs in-nhar, li l-idea ta’ xi tnebbih sopran jew nuqqas ta’ zball tal-Papiet, kienet totalment mhux maghrufa lill-Knisja kollha.

Niehdu ftit ezempji biex naraw bil-fatti jekk il-Papa hux infallibbli jew le; jekk kienx hemm Papiet li ghallmu zbalja fuq id-dottrina u l-morali:

- Liberju, Isqof ta' Ruma fis-seklu erbgha (qabel 352-366) kien akkuzat minn Atanasju (295-375), Ilarju ta' Poitiers (315-368) u Gilormu (347-420) Lives of Illustrious Men u Sozomen Ecclesiastical History, li jemmen li Gesu' kien bniedem biss, u mhux Alla wkoll. Dan kien kontra dak li kien ghallem il-Koncilju ta’ Nicea (325) u Atanasju. L-Isqof ta’ Ruma Liberju, zamm il-pozizzjoni tieghu, tant li skomunika lil Atanasju.

- San Felic II, isqof ta' Ruma fis-seklu erbgha (358-366), kien akkuzat li kien jemmen li Gesu' u l-Ispirtu s-Santu mhumiex Alla, minn Atanasju (295-375), Ilarju ta' Poitiers (315-368) u Gilormu (347-420).

- Fis-seklu disgha l-Papa Hadrian II (867) ghallem li z-zwieg civili huwa validu; Piju VII fis-seklu dsatax (1800-1823) ghallem li z-zwieg civili huwa invalidu u kkundannat.

- L-Papa Onarju (625-638), f’hafna ittri ufficjali li kiteb, fosthom lil Sergius 1, Patrijarka ta’ Kostantinopli, beda jghallem li Gesu’ kien Alla biss, u mhux bniedem ukoll. Minhabba li dan it-taghlim, l-Papa Onarju kien kundannat bhala eretiku u mishut ufficjalment, minn Papa Ljun XI u mill-Koncilju Ekumeniku VI (680-681), li kien ratifikat minn zewg koncilji ekumenici sussegwenti.

- Fis-seklu hmistax, il-Papa Ewgenju IV (1431) haraq hajja lil Giovanna t'Akkro bhala eretika. Fl-1919, il-Papa Benedittu IV iddikjarha qaddisa!

- Il-Koncilju ta' Trentu iddikjara li l-Knisja Kattolika taccetta biss l-edizzjoni antika bil-Latin tal-vulgata bhala Skrittura (April 1546). Ftit wara l-Papa Sistu V (1546) ghamel traduzzjoni ohra tal-vulgata u ddikjara li tieghu u mhux ta' Trentu hi finali. Sentejn wara l-Papa Klement VII iddecieda li Sistu V kellu tort, u li l-Koncilju ta' Trentu kellu ragun.

Is-sigra tingharaf minn frottha. Jekk is-sigra infallibli, kif tipproduci ereziji u zbalji?

Ha nsemmu fatt aktar maghruf: l-inkizizzjoni. Din kellha l-approvazzjoni shiha tal-knisja. Il-Koncilju Lateran (1215) ghallem: Niskomunikaw u nishtu lil min hu kontra l-Knisja Kattolika. Dawn iridu jinghataw f'idejn l-awtoritajiet sekulari ghall-kastig. Il-propjeta' trid tigi kkonfiskata, xogholhom jintilef u jitilfu l-wirt. Il-poteri sekulari jridu jeqirdu u joqtlu kif tordna l-Knisja ta' Ruma. Jekk le, jigu skomunikati huma wkoll.

Il-papiet Innocenzju IV (1243-1254), Piju VII, Alessandru IV, Klement IV, Klement V, Urbanu IV, Nikol IV, Bonifacju VII u ohrajn, madwar 75 Papa, approvaw l-inkizizzjoni u ordnaw l-awtoritajiet civili biex jaharqu min ma kienx jaqbel mal-Knisja Kattolika. Bejn is-snin 1100 u 1800 inqatlu miljuni kbar. X'se nghidu: l-inkizizzjoni hi mibnija fuq fidi u morali

skond l-Evangelju? Jekk iva! ghaliex m'ghadhomx jghallmu l-istess illum? Jew kienu zbaljati!? Izda jekk kienu zbaljati, fejn hi l-infallibilta' tal-papa?

**4. IT-TAGHLIM KATTOLIKU**

**Kattoliku jew l-infern**

Bhal San Ignatius, San Cirpijanu u Sant Wistin, kienu jghallmu li barra mill-knisja m'hemmx salvazzjoni. Din l-isqarrija hi vera sakemm nifhmu 'il-knisja' bhala l-poplu maghzul t'Alla. L-inkwiet jibda meta wiehed jghid li 'il-knisja' hi istituzzjoni partikolari kif bdiet taghmel il-knisja Rumana u l-Papiet taghha: ahna u ahna biss il-knisja ta' Kristu! Fis-seklu tlettax, il-Koncilju Lateran IV (1215) fi zmien il-Papa Innocenzju III (1198-1216), iddikjara li hemm knisja wahda Kattolika u barra minnha assolutament hadd ma jsalva. M'hemm l-ebda dubbju ghal liema knisja kien qed jirreferi! Fis-seklu erbatax, Bonifacju VII stqarr li hu assolutament necessarju ghas-salvazzjoni ta' kull bniedem li jkun suggett ghall-Papa. Il-Koncilju ta' Firenze fis-seklu hmistax (1439): "Il-Knisja Kattolika temmen fiz-zgur, tipprofessa, u tipproklama li dawk kollha li m'humiex jghixu fi hdanha, mhux biss il-pagani, imma wkoll l-Lhud, l-eretici, u x-xizmatici, ma jistghax ikollhom sehem fil-hajja eterna imma jmorru fin-nar ta' dejjem preparat ghax-xitan u l-angli tieghu (Mattew 25:42), jekk qabel tmiem il-hajja ma jinghaqdux mal-merhla." Fis-seklu sittax, il-Koncilju Lateran V (1512-1517) irrepeta l-istess taghlim: huwa necessarju ghas-salvazzjoni ta' kulhadd li jkun suggett ghall-pontifiku Ruman.

Il-papiet fis-seklu dsatax u ghoxrin [Ljun XII (1823-1829), Girgor XVI (1831-1846), Piju IX (1846-1878), Piju X (1904), Benedittu XV (1914-1922), Piju XI (1928) u Piju XII (1953)] qalu l-istess haga: m'hemmx salvazzjoni barra l-Knisja Kattolika.

Gwanni XXIII (1958) qal: "Jien il-bieb tan-nghag. Hadd ma jista jsalva jekk ma jkunx immexxi mill-kap tal-Knisja Kattolika. Hu biss jekk tkun maqghud mal-kap tal-Knisja Kattolika li tista' ssalva." Ricentament, il-kardinal Ratzinger, il-kap ta' l-inkizizzjoni, hareg dokument bl-approvazzjoni tal-Papa Gwanni Pawlu II (Settembru 2000) fejn sostna li il-Knisja Kattolika hi neccessarja ghas-salvazzjoni, u li ghandha l-privilegg uniku d-dritt tiftah u taghlaq il-bibien tal-genna ghal min trid.

Il-Knisja Kattolika moderna tibqa' tafferma l-istess taghlim, li m'hemmx salvazzjoni barra mill-Knisja Kattolika mmexxija mill-Papa. Imma mal-bidla taz-zminijiet kien hemm bzonn tinbidel it-tattika lejn il-knejjes l-ohra u r-religjonijiet tad-dinja. Illum il-Knisja Kattolika tizgura lil Ortodossi, il-Protestanti, il-Mussulmani u l-bqija, li kulhadd jista' jsalva fir-religjon tieghu. X'naghmlu bil-kontradizzjoni? B'hafna kliem u argumenti jipprovaw ihalltu z-zejt ma' l-ilma. Ir-raguni vera tal-kliem kollu zokkor tal-Knisja Kattolika moderna jibqa' l-istess bhal kliem iebes, ix-xabla u n-nar li uzat fil-passat: id-dominanza fuq il-knejjes kollha!

"Id-djalogu ekumeniku jservi biex jittrasforma l-hsieb u l-imgieba u l-hajja ta' kuljum tal-komunitajiet mhux Kattolici, u b'hekk, jimmira biex jipprepara it-triq ghall-unita' tal-fidi fi hdan il-knisja wahda u vizibbli' [Koncilju Vatikan II (perjodu 1962); Dokument Post-Konciljari, 42].

Il-Knisja Kattolika qatt ma qaghdet lura milli tishet lil kull min ma jaqbilx maghha. L-anatema timplika firda mill-knisja u l-kundanna ta' l-infern jekk bniedem ma jindimx u jerga' lura lejn il-knisja Rumana. Fis-seklu sittax, il-Koncilu ta' Trentu (1545 u wara) sawwab sahtiet bil-kotra fuq il-Protestanti u kull min ma jaqbilx ma l-anqas tentufa tad-duttrinta kattolika.

Minn zmien il-Koncilju Vatikan II, filwaqt li baqghu jaffermaw kull kelma tal-Koncilju ta' Trentu, il-mexxejja Kattolici bdew isejjhu lill-Protestanti u Kristjani ohra "ahwa mifruda," u jassigurawhom li huma wkoll jistghu isalvaw. Mishuta jew se jsalvaw? Eretici jew ahwa? Insew kemm Papiet wissew li m'hemmx salvazzjoni hlief fil-Knisja Kattolika? Imma bhal dejjem il-Knisja Rumana taghmel minn kollox biex tiddomina l-Kristjanezmu, jekk mhux bit-tortura, ta' l-anqas bil-kliem melliesi.

Is-salvazzjoni ma' tinstabx fi knisja partikolari; is-salvazzjoni tinsab fi Kristu, is-Salvatur tad-dinja. "Jiena t-triq, u s-sewwa, u l-hajja: hadd ma jigi ghand il-Missier, hlief bija." (Gwann 14:6.).

- San Gustinu l-Martri (100-165). Dialogue with Trypho

Il-knisja hadet isimha min Ismu, u tissemma ghal-ismu (ghax ahna nissejhu Kristjani)

- Tertulljanu (160-240) Baptism, Exhortation to Chastity

Min jemmen fil-weghda tas-salvazzjoni… mill-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, hemm hi l-knisja… Kull individwu jghix bil-fidi tieghu, u Alla ma jhares lejn wicc hadd

**Salvazzjoni bil-fidi mhux bl-opri**

L-Evangelju huwa ahbar tajba ghax ihabbar is-salvazzjoni bi grazzja t'Alla, jigifieri rigal b'xejn t'Alla ghal dawk kollha li jemmnu fi Kristu. Is-salvazzjoni mhix il-hlas tax-xoghol taghna. Allahares kien hekk, ghax kif qatt il-midneb jista' jpatti ghal dnubietu u jimmerita l-genna? Ma tantx ghadda zmien qabel it-tradizzjoni umana hbiet u biddlet il-messagg ta' l-Evangelju. Anke fi zmien l-appostli kien hemm min ried jaqleb l-Evangelju. Bdew jghallmu li bniedem isalva fuq il-

mertu ta' l-ghemejjel tieghu, kif ghadhom jahsbu hafna Kattolici sal-lum. Imma nifirhu li d-dawl ta' l-Evangelju qatt ma kien mitfi. Is-Santi Padri wkoll jaghtu xhieda tal-grazzja b'xejn t'Alla u s-salvazzjoni permezz tal-fidi:

- San Polikarpu (69-155). Epistle of S Polycarp, to the Philippians

Tafu li bil-grazzja intom salvati, mhux mill-opri, imma bir-rieda t'Alla, permezz ta' Gesu' Kristu

- San Klement, isqof ta' Ruma (80-101). The Epistle of S Clement To the Corinthians

Ahna wkoll konna msejjhin bir-rieda t'Alla fi Kristu Gesu', m'ahniex gustifikati minna nfusna, lanqas bl-gherf u l-fehma taghna, jew it-tjieba, jew l-ghemejjel li wettaqna fil-qdusija tal-qalb, imma permezz tal-fidi.

- San Gustinu l-Martri (100-165) The First Apology, Dialogue with Trypho

Gustifikat u mbierek minn Alla, minhabba fil-fidi tieghu Fih, kif jghidulna l-Iskritturi…emmen f'Gesu' Kristu… u tkun salvat… ikkunsidrat gust … minhabba l-fidi

- San Irinew ta' Lyons (140-202). The writings of Irenaeus, Against Heresies

Il-bnedmin jistghu isalvaw biss billi jemmnu fih li … hu merfugh mill-art fuq is-sigra tal-martirju, u jigbed lil kulhadd lejh, u jaghti l-hajja lill-mejtin… dawk kollha li jafdaw f'Alla, jsalvaw… Fidi lejn Alla tiggustifika l-bniedem… mehlusin, u ggustifikati bil-fidi…

- San Gwanni Krisostmu (347-407). Homilies on Ephesians, Homilies on Romans, Homilies on Second Corinthians, Commentary on Galatians

Bil-fidi biss salvana Hu… B'liema ligi? Bl-ghemil? Le, imma bil-ligi tal-fidi… X'inhi l-ligi tal-fidi? Hi li ssalva bil-grazzja. Hawn juri l-qawwa t'Alla: ghal fatt li Hu mhux biss salva; imma anki ggustifika, u dan ukoll minghajr ghemil, imma bil-fidi biss… Jekk tkun iggustifikat, hu permezz tal-fidi biss. Nitolbu li jkollok il-kunfidenza, li ggib l-ghemil tajjeb… Hu juri; li dak li jzomm ma' fidi biss, hu mbierek.

Kellhom ragun jghallmu hekk. Salvati bil-grazzja, b'xejn, bil-fidi f'Gesu' u mhux minhabba l-opri taghna. Fl-istess hin, enfasizzaw li l-opri tajba juru bniedem x'inhu, jekk jemminx tassew, jekk ghandux il-grazza t'Alla fih jew le. Mela salvati bil-fidi, mhux bl-opri; salvati biex inwettqu opri tajba ghall-glorja t'Alla. "Ghax bil-grazzja intom kontu salvati, permezz tal-fidi: u dan mhux minnkom infuskom: dan hu don t' Alla; Mhux mill-opri, biex hadd ma jiftahar. Ghax ahna xoghol tieghu, mahluqin fi Kristu Gesù, ghall-opri tajba, li Alla hejja minn qabel biex nimxu fihom" (Efesin 2:8-10).

**Il-Maghmudija**

Necessarja ghas-salvazzjoni

Fl-Atti 16:30 wiehed staqsa x'ghandu jaghmel biex isalva; l-appostlu wieghdu li jekk jemmen fil-Mulej Gesu' Kristu jkun salvat. Dak emmen, u allura skond il-wieghda ircieva s-salvazzjoni. Ftit hin wara wara nizel fl-ilma u tghammed. Fil-knisja appostolika dawk li jemmnu l-Evangelju kienu jitghammdu mill-ewwel. Peress li l-maghmudija hi tant marbuta fil-qrib mal-fidi u s-salvazzjoni, nifhmu kif mill-bidu s-Santi Padri bdew jghallmu li l-maghmudija hi mehtiega ghas-salvazzjoni. Fl-istess waqt kienu jsostu l-htiega ta' l-indiema u l-fidi fil-Mulej Gesu' Kristu. Il-Katekizmu gdid tal-Knisja Kattolika ukoll jghallem li l-maghmudija hi necessarja ghas-salvazzjoni (1256, 1213, 1215), izda b'mod inkonsistenti jghallem ukoll li membri ta' religjonijiet ohra jistghu jsalvaw ukoll, kif ukoll t-trabi li ma jkunux mghammdin (1250, 1261, 1283). Sa ftit ta' zmien ilu l-Knisja Kattolika kienet tghallem bla tlaqliq li t-trabi ghandhom jigu mghammdin malajr ghax jekk imutu ma jistghux isalvaw minghajr maghmudija (ara Katekizmu ta' San Piju X).

Bla dubbju, il-maghudija hi importanti, imma taghmel sens biss meta hemm il-fidi genwina fi Kristu. Ghalxejn tkun mghammed jekk ma tafdax is-salvazzjoni ta' ruhek f'idejn il-Mulej Gesu'.

Traxxix minflok immersjoni

Il-maghmudija fil-knisja bikrija kienu issir bit-tghaddis tal-persuna fl-ilma. Dokument, 'Id-Didake' (130-160), jghallem li persuna ghandha tigi mghaddsa fl-ilma, izda jekk dan ma jkunx possibli ghandu jissawwab ftit ilma fuq ir-ras. Ghalkemm kienu jippermettu eccezzjonijiet, il-metodu normali kien l-immersjoni. Fil-fatt San Gregorju ta' Nazianzum isqof ta' Kostantinopoli (329-389) , San Gwann Krisostmu (347-407) u Sant Wistin Isqof ta' Ippona (353-430). tghammdu bl-immersjoni kbar.

- San Gustinu l-Martri (100-165) First Apology.

Ghall-maghmudija trid tigi b'ghazla tieghek, tkun taf it-taghlim, tigi wara l-indiema u tistqarr l-isem t'Alla.

L-istess kelma 'maghmudija' bil-Grieg tfisser tghaddas. Il-katekizmu jammetti dan: 'tghammed ifisser tghaddas, iddahhal fl-ilma (ara paragraphu 1214). Ghaliex mela jipprattikaw metodu differenti? Ghaliex il-knisja tghallem li l-metodu ghandu jkun it-tiswib ta' l-ilma fuq ir-ras (Katekizmu ta' San Piju X)?

<u>It-tfal</u>

Fit-Testment il-Gdid naqraw dwar il-maghmudija ta' dixxipli godda wara li jkunu semghu u emmnu l-Evangelju. M'hemm ebda ezempju ta' maghmudija ta' trabi. Skond l-ezempju tat-Testment il-Gdid, il-maghmudija ghandha issehh wara il-fidi, u mhux qabel. Ghalkemm kien hemm min diga' qed jghammed it-trabi fit-tieni u t-tielet seklu,

- Tertulljanu (160-240). On Baptism, A Treatise on the Soul

Ikun ahjar ittawwal iz-zmien qabel il-maghmudija, specjalment fil-kaz ta' tfal zghar ... Halluhom jigu, mela, meta jikbru, meta jitghallmu, meta jkunu mghallma ghand min jigu, halli jsiru Kristjani meta jkunu kapaci jaghrfu lil Kristu. … Jekk tfisser it-tajbin, ghalfejn tiggudika li ma haqqhomx mistrieh fil-genna l-erwieh tat-trabi?

- San Irinew ta’ Lyons (140-202). Against Heresies

Min isalva u jidhol fis-saltna? Dawk, bla dubju, li jemmnu f’Alla, u li komplew f’imhabbtu… u t-tfal innocenti, li ma ghandhom l-ebda sens ta’ hazen.

- San Gwanni Krisostmu (347-407). Homilies on the Gospel of Matthew.

L-erwieh tat-tajbin huma f’idejn Alla: u jekk tat-tajbin; mela l-erwieh tat-tfal ukoll, ghax l-anqas huma m’huma hziena.

- San Gregorju ta’ Nazianzum, isqof ta’ Kostantinopoli. (329-389) Orations

Maghmudija? … meta jkunu jafu jisimghu u jwiegbu… jkunu responsabbli ghal hajjithom, maturi fir-ragunament, u jitghallmu…

- Aristides. Apology

Meta wild jitwieled lil familja Kristjana, huma jirringrazzjaw lil Alla. U jekk jigri li jmut meta jkun ghadu zghir; ifahhru lil Alla aktar, bhala wild li ghadda min din id-dinja minghajr dnubiet.

Biz-zmien il-maghmudija tat-trabi saret ir-regola generali. Minkejja dan, il-Koncilju ta' Trentu (1545 u wara) jishet lil min jghid li hu ahjar li t-trabi ma jkunux mghammda peress li ghad m'ghandhomx fidi personali fi Kristu (sessjoni 7, qanun XIII).

**Il-Mahfra tad-dnubiet**

Il-Mulej Gesu' ghallem lid-dixxipli tieghu jitolbu lil Alla l-Missier jahfrilhom dnubiethom. "Missierna li int fis-smewwiet … ahfrilna djunna, bhal ma nahfru ahna lil midjunin taghna." (Mattew 6:9, 12.). Fi zmien l-appostli u ghal hafna sekli wara, il-Kristjani kisbu l-mahfra bit-talb 'l Alla; il-knisja ma kienitx taf bil-qrar ghand sacerdot.

- San Klement, isqof ta' Ruma (80-101). First Clement

Il-Mulej… stqarru (dnubietkom) lilu. Ghax David l-imsejjah qal, jien nistqarr (dnubieti) lill-Mulej.

- Klement ta' Lixandra (150-216). The Instructor

Alla ghalina Hu bla tebgha. Lejh ghandha tersaq ruhna… Hu biss imhallef ghax Hu biss bla dnub. Ejjew nippruvaw; kemm hu possibli, nidinbu mill-inqas… Hu jilqa’ l-indiema tal-midneb.

- San Gwanni Krisostmu (347-407). Homily on the Psalm, De Paenitentia, De Incomprehensibili

Ma nghidulkom tmorru u tistqarru dnubietkom lil xi bniedem iehor bhalkom - imma biss lil Alla … Ma nistaqsukomx tmorru u tisqarru dnubietkom lil bniedem midneb biex taqilghu l-mahra - imma lil Alla biss… Ma ghandek bzonn l-ebda xhud ta’ l-istqarrija tieghek. Wahdek ammetti dnubietek u halli lil Alla wahdu jisimghek… Ghalekk, inheggigkom, dejjem stqarru dnubietkom lil Alla! Jien, bl-ebda mod, ma nghidilkom tistqarruhom lili. Lil Alla biss ghandkom tesponu l-wegghat ta’ ruhkom, u minghandu biss stennew kura. Morru ghandu, mela, u ma tkunux imkeccija, imma mfejjqa. Ghax, qabel ma tlissen kelma wahda, Alla jaf it-talba tieghek.

- Sant Wistin, Isqof ta' Ippona (353-430), Faith and Belief, Confessions

It-talb huwa moghti minhabba d-dnubiet, li minghajrhom ma nistghux inkunu. X'talb? 'Ahfrilna dnubietna, bhalma nahfru lil min hu hati ghalina.… X’ghandi x’naqsam ma rgiel; li mohhhom biex jisimghu dnubieti, bhallikieku huma kapaci jfejjqu n-nuqqasijiet tieghi? Il-bniedem hu kurjuz hafna, biex ikun jaf il-hajja ta’ haddiehor.

- Socrates Scholasticus. Penance

Meta l-eretici sseparaw ruhhom mill-knisja… x’isqfijiet ziedu ligi fil-knisja, li ghandu jkun hemm presbiteru biex jinstemghu d-dnubiet quddiem dan il-presbiteru. Din hi… uzanza eretika…

Il-Katekizmu tal-Knisja Kattolika (paragrafu 1447) jammetti li kien mis-seklu sebgha wara Kristu li "s-sagrament baqa' jigi celebrat b'manjiera aktar sigrieta bejn il-penitent u s-sacerdot" u jsejjahlu "drawwa gdida". Il-Koncilju Lateran IV fis-seklu tlettax (1215) waqqaf ufficcjalment il-qrar f'widnejn il-qassis flok direttament lil Alla.

Il-Koncilju ta' Trentu (1545 u wara) jispjega li fil-qrar is-sacerdot ghandu s-setgha ta' mhallef. Xoghol il-qassis mhux biss li jheggeg lill-midneb jindem u jitlob 'l Alla ghall-mahfra, lanqas li jassigura lil bniedem niedem li dnubietu mahfura. Xoghlu jaqta' sentenza f'isem Alla favur jew kontra il-penitent. Hekk il-midneb m'ghandux mezz iehor ta' mahfra - ma jistax jitlob direttament 'l Alla, imma ghandu bzonn dan il-medjatur biex jikseb il-paci m'Alla.

Jekk tipprotesta u tghid li dan ma kienx hekk mill-bidu, u li ghal seba' sekli shah il-Kristjani kisbu l-mahfra permezz tat-talb 'l Alla, il-Knisja Kattolika tishtek: "Jekk xi hadd jichad li l-istqarrija sagramentali kienet mwaqqfa, u hi mehtiega ghas-salvazzjoni, b'ligi divina; jew jghid li l-mod ta' stqarrija privata ghand qassis, li l-Knisja Kattolika dejjem osservat mill-bidu u ghadha tosserva sal-lum, ma taqbilx mal-kmand ta' Kristu izda hi invenzjoni umana, ha jkun mishut [Trentu (1545 u wara), sessjoni 14].

- Dr. Zacchello, ex-qassis Kattoliku, jikkumenta dwar il-qrar:

In-nies kienu jigu ghandi, jinzlu gharkubbtejhom quddiemi, u jistqarru dnubiethom lili. U jien … kont inweghedhom li kelli l-qawwa nahfrilhom. Jien; midneb, bniedem, kont qed niehu post Alla, id-dritt t'Alla. Il-vuci tal-kuxjenza ma kinitx thallini kwiet: 'Qed tisraq 'l Alla l-glorja tieghu. Jekk il-midinbin iridu l-mahra ghandhom jirrikorru ghand Alla, u mhux ghandek. Il-ligi tieghu kisru, mhux tieghek. Ghalhekk lil Alla ghandhom iqerru; lil Alla wahdu ghandhom jitolbu ghal mahfra.

**L-Ewkaristija**

Qabel tela' lura lejn is-sema, il-Mulej halla lill-knisja tifkira: "Ghamlu dan b'tifkira tieghi." (Luqa 22:19.).Il-hobz u l-inbid huma tifkira (simboli jew sinjali) tal-gisem u d-demm, imma maz-zmien dahlet l-idea li dawn jinbidlu u jsiru verament il-gisem u d-demm ta' Gesu'.

Ghalkemm ma kienx hemm kunsens unanimu bejn is-Santi Padri dwar l-elementi ta' l-ewkaristija, huwa car li hafna minnhom kien jqisuhom bhala simboli tal-gisem u d-demm ta' Kristu.

- Klement ta' Lixandra (150-216). Instructor

Ghaldaqstant l-Iskrittura semmiet l-inbid is-simbolu tad-demm qaddis… Il-Mulej: fl-Evangelju ta’ Gwann; wera s-simbolizmu meta qal, Kulu gismi u ixorbu demmi. Iddeskriva b’metafora l-possibilita’ li tixrob il-fidi u l-weghda. Fir-realta’; id-demm tal-fidi hi t-tama, li zzomm il-fidi.

- Tertulljanu (160-240). On the Resurrection of the Flesh, Against Marcion

Peress li hasbu li d-diskors ta’ Gesu’ kien ahrax u ntollerabli; billi hasbu li Hu realment u litteralment qalilhom biex jieklu gismu… Hu spjega, Hu l-ispirtu li jiswa’, il-gisem ma jiswiex... Il-kliem li nghidilkom huma spirtu u hajja… Min jisma’ kliemi u jemmen ghandu l-hajja ta’ dejjem…. Wara li ha il-hobz u tah lid-dixxipli, ghamlu gismu stess, billi qal, 'Dan hu gismi,' jigifieri s-simbolu ta' gismi.

- Theophilus t’Antijokija. (tieni seklu)Theophiluis to Autolycus

Nies bla sens jghidu paroli vojta: u jxerrdu l-gideb; fejn kelliema minghajr Alla jakkuzawna bil-gideb, billi jghidu li dawk li jaduraw lil Alla u jissejhu Kristjani…jieklu laham uman.

- Ewsebju ta’ Caesarea (263-340). Demonstratio Evangelica, On the Theology of the Church

Ircivejna tifkira ta' l-offerta ta' Kristu li niccelebraw fuq il-mejda permezz tas-simboli ta' l-gisem u d-demm tieghu li jsalva skond il-ligi tat-Testment il-Gdid…. Gejna mghallma noffru sagrificcji bla demm u accettabli ghal Alla suprem permezz tal-Qassis il-Kbir tieghu li hu fuq kulhadd…. Niccelebraw it-tifkira… L-inbid u l-hobz jirraprezentaw il-misteru ta’ gismu u demmu li salvawna…. Ghamlu dan b’tifkira… Hu ta’ simboli… l-hobz bhala simbolu ta’ Gismu… l-inbid, kien is-simbolu… ta’ demmu…

- Sant Wistin, Isqof ta' Ippona (353-430). Homilies on the Gospel according to John, City of God, On Christian Doctrine, Sermon Homilies on the Gospels

Rigward il-prezenza fizika, intqal tajjeb lid-dixxipli, Izda mhux dejjem ghandkom lili… Jekk ma tiklux il-gisem ta’ Bin il-Bniedem, jghid Kristu, u tixorbu demmu, ma jkollkomx hajja fikom… hi ghalhekk figurattiva… ghandna nzommu…

tifkira… hu biss simbolu… Sejjah lil Gismu Ikel, lil Demmu Xorb… qal Jekk ma tiklux Gismi u tixorbu Demmi, ma jkollkomx hajja fikom… X'wiegeb?... Timmaginaw li jien ser naqsam dan Gismi li taraw, u nqatta' l-Membri tieghi, u naghtihomlkom?... tassew, dak li tela' s-sema Kollu, ma jistax ikun ikkonsmat… Ghax ahna smajna l-Muelj innifsu jghid, Hu l-Ispirtu li jaghti l-hajja, il-gisem ma jiswa xejn. Il-kliem li nghidilkom huma Spirtu, u Hajja.

- Minucius Felix, The Octavius

Ahna nitbieghdu mid-demm uman.

- Athenagoras.On the Resurrection of the Dead

Jekk xi hadd jghallem li l-bnedmin ghandhom jieklu laham uman; m'hu ha jkun hemm xejn xi zomm il-bnedmin, milli jieklu lil xulxin. Li tghid dan it-taghlim: hu kontra l-ligi; u li tghid li bnedmin jieklu l-laham uman, hu xi haga li ghandha tkun mibghuda u michuda. Nichad li xi hadd jista' jghid ezempju wiehed; fejn Alla jghidilna biex nieklu laham uman, mkien.

Fl-istess zminijiet kien hemm uhud mis-Santi Padri, bhal Ignatius, Cirillu u Ambrogju, li kitbu fuq il-prezenza littera tal-gisem u d-demm ta' Kristu.

Sas-seklu ghaxra kont issib iz-zewg opinjonijiet fil-Knisja Kattolika. Il-patri Radbertus kiteb favur id-dottrina (illum msejha transustanzjazzjoni) li l-hobz u l-inbid jispiccaw u jsiru l-gisem u d-demm tal-Mulej. Fl-istess zmien, u fl-istess monasteru, patri iehor, Ratramnus, kiteb kontra din l-idea u sostna li l-hobz u l-inbid huma l-gisem u d-demm f'sens figurattiv.

Duns Skotu, li ghex sas-seklu erbatax (1265-1308), jammetti li d-dottrina tat-transustanzazzjoni ma kinitx artiklu ta' fidi, u ghalhekk mhux dottrina li trid titwemmen bilfors, qabel il-Koncilju Lateran IV fis-seklu 13 (1215), fi zmien il-Papa Innocenzju IV.

Fis-seklu erbatax: Gwanni Wycliffe (1320-1384) ghallem li l-hobz u l-inbid huma sinjali li jirrapprezentaw lil Kristu; meta qal, 'Dan hu gismi … demmi,' (Mattew 26:26, 28.) kien qieghed jitkellem figurattiv u spiritwali.

Fis-sena 1377, il-knisja Rumana akkuzatu bhala eretiku. Fl-1416, il-Koncilju ta' Kostanza rega' kkundannah bhala eretiku perikoluz. Fl-1428 qassisin qalghuh minn qabru, harquh u tefghu l-irmied fix-xmara.

Il-Koncilju ta' Trentu fis-seklu sittax (1545 u wara) afferma li t-transustanzjazzjoni hi dottrina obbligatorja, u jishet li kull min jichad li fl-Ewkaristija jinsabu s-sustanza tal-gisem u d-demm ta' Kristu imma jghid li hi biss sinjal jew figura.

It-twemmin li l-hobz u l-inbid isiru l-gisem u demm ta' Kristu wassal ghall-prattici godda li ma nsibuhomx fl-Iskrittura u lanqas fil-knisja bikrija. Wara l-Koncilju Lateran, il-Papa amar il-qima ta' l-ostja. Il-Papa Pawlu VI (1963-1978) ghallem li fil-hobz u l-inbid hemm il-prezenza reali ta' Kristu u ghalhekk irridu ninzlu gharkubbtejna, nitbaxxew u naduraw. Il-Knisja Kattolika toffri lill-Ewkaristija kult t'adorazzjoni u venerazzjoni. Il-Mulej Gesu' qalilna biss, "Hudu, kulu … ixorbu lkoll." (Mattew 26:26-27.).

Incidentalment, skond l-ordni ta' Kristu, il-Kristjani ghandhom jiehdu sehem sew mill-hobz kif ukoll mill-inbid. Hekk kien isir fil-bidu u ghal hafna sekli wara.

Infatti l-isqfijiet ta' Ruma, Ljun I (440-461), Gelasju I (459) u Urbanu II (1105); mis-seklu hamsa sas-seklu tnax, wissew li huwa sagrilegg jekk wiehed jastjeni milli jixrob l-inbid. Imbaghad dahhlet id-drawwa tat-tqarbin bil-hobz biss.

Fis-seklu hmistax (1372-1415), il-qassis Gwanni Huss tkellem kontra din il-prattika gdida. Il-mexxejja tal-Knisja Kattolika, minflok ammettew l-izball, ikkundannaw lil Huss bhala eretiku fl-1411 u harquh is-sena ta' wara. Ghal dik il-habta laqqghu l-Koncilju ta' Kostanza (15 ta' Gunju 1415) u hargu ligi li l-lajci ghandhom jinghataw biss il-hobz. Il-Koncilju ta' Trentu (1545 u wara) zied jishet lil min jghid li din il-ligi tmur kontra r-rieda ta' Kristu!

**Il-Quddiesa**

Fil-knisja bikrija l-ewkaristija kienet offerta (jew sagrificcju) ta' tifhir 'l Alla ghas-sagrificcju ta' Kristu ghall-mahfra tad-dnubiet.

- Tertulljanu (160–240). On Prayer

Nitolbu fl-ispirtu, sagrificcju fl-ispirtu, talba… devoti bil-qalb kollha, mitmughin bil-fidi, immexxijin mill-verita'… nersqu imdawrin b'salmi u innijiet lil Alla.

- Ewsebju ta' Caesarea (263-340). Demonstration Evangelica

Permezz ta' innijiet u talb, ahna niddedikaw lilna nfusna kompletament lil Alla, u lill-Qassis il-Kbir tieghu Gesu', il-Kelma nfisha, is-Salvatur taghna Gesu' l-Kristu t'Alla.

- Sant Wistin, Isqof ta' Ippona (353-430). Reply to Faustus the Manichean

Fil-passjoni ta' Kristu dawn is-simboli kienu mwettqin f'sagrificcju tassew; wara t-tlugh fis-sema ta' Kristu, dan is-sagrficcju huwa mfakkar.

Maz-zmien bdiet diehla l-idea li l-Ewkaristija hi sagrificcju ghal-mahra tad-dnubiet. Il-Papa Girgor I (590-604) ghallem li l-Ikla tal-Mulej mhux biss tifkira, imma sagrificcju veru. Sas-seklu sittax, il-Knisja Kattolika mhux biss ikkonfermat din il-bidla fit-taghlim, izda wkoll sehtet li dak kollha li ghadhom jemmnu kif kien jemmnu missirijietna fil-knisja bikrija:

Jekk xi hadd jghid li s-sagrificcju tal-Quddies hu biss offerta ta' tifhir u ringrazzjament, jew biss tifkira tas-sagrificcju mwettaq fuq is-salib, u li mhux sagrificcju bi tpattija ghad-dnubiet … ha jkun mishut! [Koncilju ta' Trentu, (1545 u wara)].

Il-Katekizmu Gdid jistqarr li "kull darba li s-sagrificcju tas-salib…jigi ccelebrat fuq l-artal, l-opra tal-fidwa taghna ssehh" (para 1364). B'kuntrast l-Iskrittura tghallem li Gesu' "b'demmu stess dahal darba ghal dejjem fis-santwarju, billi kiseb fidwa ghal dejjem ghalina" (Lhud 9:12). It-tradizzjoni umana bidlet "darba ghal dejjem" ghal "kull darba"; minflok sagrificcju wiehed u mitmum, ghandna s-sagrificcju tal-quddiesa fuq eluf t'artali kuljum.

**Qassisin**

Il-presbiteri (xjuh) kienu l-mexxejja fil-knejjes appostolici, mghejjuna mid-djakni. Il-presbiteri, li kienu wkoll jissejhu isqfijiet u rghajja, kienu jkunu rgiel mizzewga.

- Callistus, Isqof ta' Ruma, The Refutation of all Heresies

…isqfijiet u djakni…jkunu mizzewgin…

- Socrates Scholasticus, Ecclesiastical History

…isqfijiet ikollhom tfal min-nisa taghhom…

Dan tikkonfermah evidenza arkeologika mill-katakombi ta' Ruma: jissemma wiehed jismu Bailius il-Presbiteru u Felicitas, martu.

Il-gerarkija kattolika moderna (isqof f'kull djocesi u diversi presbiteri, li biz-zmien bdew jissejhu 'qassisin') evolviet matul iz-zmien. Ghandna evidenza (per ezempju, l-ewwel ittra ta' San Klement, isqof ta' Ruma) li turi car li fis-seklu tnejn kien ikun hemm diversi isqfijiet (li jissejhu wkoll presbiteri) fi knisja ta' belt partikolari. Izda malajr dahlet l-idea ta' isqof monarkiku, il-kap fuq il-presbiteri l-ohra u l-knisja f'belt u l-inhawi madwar.

Nafu wkoll li fil-knejjes appostolici l-Kristjani kollha kienu jissejhu qassisin u lkoll kienu joffru sagrificcji ta' talb u tifhir lil Alla. Fis-sekli ta' wara sehhet firda fil-knejjes bejn il-presbiteri (li issa bdew jissejhu 'qassisin', l-kleru) u l-bqija, il-lajci. Dan ma kienx hekk fil-bidu…

Filwaqt li ghall-bidu x-xoghol ewlieni tal-presbiteri kien li jmexxu u jghallmu t-taghlim ta' l-Evangelju, biz-zmien il-qassisin saru l-medjaturi bejn Alla u l-lajci. Il-fidili saru jiddependu fuq il-qassisin biex jithabbu m'Alla, l-ewwel bis-sagrificcju tal-quddiesa, u aktar tard fl-istorja, bl-assuluzzjoni. Jekk ix-xoghol ewlieni tal-presbiteri huwa l-offerta tal-quddiesa u l-assuluzzjoni, ghaliex it-Testment il-Gdid qatt ma jsejjhilhom 'hierus' - qassisin? Ghaliex jissejju biss xjuh, isqfijiet u rghajja? Kristu offra sagrificcju wiehed u effettiv, u qam mill-mewt biex ma jmut qatt izjed u ghalhekk jibqa' sacerdot ghal dejjem (Lhud 7:17). Is-sacerdozju tal-Knisja Kattolika hi invenzjoni inutli ghal dawk kollha li jersqu lejn Alla permezz ta' Kristu, il-Qassis il-Kbir uniku tat-Testment il-Gdid.

M'hemmx x'nghidu, il-kardinali huma invenzjoni umana ohra. Bdew fis-seklu ghaxra (927) biex mill-ghaqda taghhom jinghazel il-Papa gdid. Fis-seklu hdax Girgor VII (1074-1079) stinka biex jimponi c-celibat fuq il-kleru; decizjoni li giet ikkonfermata minn Kallistu II fis-seklu ta' wara (1123). Wahda mill-iskuzi ghac-celibat kienet l-idea miskina li s-sess hu dejjem dnub, anke fiz-zwieg (kif kien jghallem Sant Wistin). U jekk biss tghid li mhux veru li l-istat celebi huwa ahjar mill-istat taz-zwieg, il-Knisja Kattolika tishtek! [Koncilju ta' Trentu, (1545 u wara) sessjoni 24].

L-isqof u l-qassisin fil-knisja Rumana ghandhom setghat kbar fuq il-lajci. Il-Koncilju Vatikan II (perjodu 1962) jghallem li l-isqfijiet Kattolici jiehdu l-post ta' Kristu, u flimkien mal-qassisin, jaqsmu ma' Kristu s-sacerdozju u l-ministeru tieghu. Is-sacerdot Kattoliku ghandu l-awtorita' li jagixxi fil-qawwa u l-post ta' Kristu nnifsu (Katekizmu, 1548). Mhux ta' b'xejn li l-isqof ta' Ottowa, il-Kanada (seklu 20), stqarr li ghalina "minghajr il-qassis Kattoliku l-mewt u l-passjoni tal-Mulej kienu jkunu ghalxejn."

**Marija**

Il-Knisja Kattolika Rumana moderna tghallem li Marija omm Gesu':

1. Hi Omm Alla (Mater Dei).
2. Kienet u baqghet vergni qabel, waqt u wara t-twelid ta' Gesu'.

3. Kienet imnissla bla dnub (Immakulata Kuncizzjoni).
4. Imtella' s-sema bir-ruh u bil-gisem (L-Assunzjoni).
5. Hi l-avukata u l-medjatrici taghna.
6. Hi omm il-bnedmin.

Fil-knisja bikrija l-Kristjani la kienu jafu u wisq anqas jemmnu dawn il-hwejjeg fuq Marija. L-Iskrittura tghallimna nitolbu lil Alla biss. Tghallimna li l-Mulej Gesu' kien bla dnub, tela' s-sema bir-ruh u bil-gisem, hu l-medjatur, is-salvazzjoni taghna, l-bieb tas-sema, l-avukat taghna, u l-uniku feddej tad-dinja. Marija kellha tfal ohra permezz ta' Guzeppi, u bl-ebda mod ma tinghata l-importanza fl-Iskrittura li tinghata fir-religjon Kattolika moderna. Halli naraw x'kienu jghidu s-Santi Padri fuqha, u kif evolvew id-dommi u d-drawwiet Marjani li llum saru tant karetteristici tar-religjon Kattolika.

<u>Omm Alla</u>

L-Iskrittura tghallem li Alla huwa etern u ghalhekk m'ghandux omm. Alla huwa l-hallieq ta' Marija. Marija hi omm Gesu' *skond il-gisem* u mhux skond id-Divinita' tieghu. Lanqas nistghu nghidu li Marija ghandha xi awtorita' fuq binha. Fost dawk li kienu jemmnu li Marija mhiex omm Alla nsibu:

- San Irinew ta' Lyons (140-202). Against Heresies

Hu ghalhekk li meta Marija bdiet theggu biex jaghmel il-miraklu meraviljuz ta' l-inbid, u kienet tixtieq li jsir qabel il-waqt… il-Mulej, waqqaf l-ghaggla mhux f'waqta taghha, mara, x'ghandi x' naqsam mieghek? is-siegha tieghi ghadha ma waslitx. Stenna s-siegha li kienet maghrufa mill-Missier.

- Gwanni Krisostmu (347-407). Homilies on the Gospel according to Matthew, Homilies on the Gospel according to John

Kristu qal Min hi ommi?... hi ma kellhiex vantagg… l-Evangelista juri li Hu ried icanfarha… Hu l-istess li meta hi fixklitu f'mumenti mhux f'waqthom qalilha, Mara x'ghandi x'naqsam mieghek?… Kristu qal Min hi ommi?... Hu ghalhekk canfarha… Ried juriha biex ma tergax taghmel l-istess… Hadd mhu ser ipoggi fuq il-lemin jew ix-xellug tal-Mulej. Dan it-tron hu nnaccessibli ghall-bnedmin… u l-angli….

- Sant Wistin, Isqof ta' Ippona (353-430). Tractates on John

…bla dubju, is-siegha meta Gesu', kien ser ibiddel l-ilma f'inbid, qal lil ommu, Mara x'ghandi x,naqsam mieghek? Is-siegha tieghi ghadha ma waslitx… f'dak il-hin, meta kien ser jatwa atti divini, Hu warrab, bhala mhux maghrufa, hi li kienet l-omm, mhux tad-divinita' tieghu, imma ta' l-umanita' tieghu…

- Girgor I [il-Kbir], Isqof ta' Ruma (590-604). Letter

Biex jghid car, li Jien nista' naghmel miraklu, jigi minghand Missieri u mhux minghand ommi. Ghax Hu li kellu n-natura ta' Missieru ghamel il-mirakli, imma kellu n-natura t'ommu li kellu jmut… Jghid imbaghad, Mara, x'ghandi x'naqsam mieghek? Is-siegha tieghi ghadha ma waslitx. Jigifieri, fil-miraklu, li ghandi mhux min-natura tieghek, ma nagharfekx.

- Theodoret, isqof ta' Cipru (seklu 5). Letter, Dialogues

L-Iskrittura Qaddisa tghallimna car iz-zewg naturi ta' Kristu… Kristu kien maghmul bniedem… Hu li hu Alla... In-naturi ma thalltux, imma baqghu separati… kif naraw fl-armonija ta' l-Evangelisti, wiehed jipproklama d-Divinita' ta' Kristu, l-Mulej, l-Iben t'Alla, iehor juri l-kwalitajiet umani Tieghu. Kristu l-Mulej inniffsu wkoll jghallimna, billi gieli jsejjah lilu nniffsu Bin Alla u drabi ohra jsejjah lilu nnifsu Bin il-Bniedem: gieli jaghti unur lil Ommu li wildietu; gieli jcanfarha bhala l-Mulej taghha.

- Melito of Sardis, Fragments

Kristu… tana indikazzjonijiet cari taz-zewg naturi tieghu, tad-Divinita' tieghu bil-mirakli tieghu… tal-Umanita' tieghu… bl-umilta' tieghu

Minkejja kollox; fl-431 f'Efesu, Marija nghatat it-titlu t'Omm Alla.

<u>Dejjem vergni</u>

L-Iskrittura tghallem li Gesu' twieled minn vergni. Wara t-twelid ta' Gesu', Marija u Guzeppi ghexu hajja mizzewga flimkien. L-Iskrittura ssemmi l-ahwa subjien u bniet tieghu.

Uhud mis-Santi Padri kienu jemmnu li Marija baqghet vergni wara t-twelid ta' Gesu', forsi ghax kienu jassocjaw l-att taz-zwieg mad-dnub. Wahda mill-iskuzi ghac-celibat kienet l-idea miskina li s-sess hu dejjem dnub, anke fiz-zwieg (kif kien jghallem Sant Wistin). Skond l-istoriku J.N.D. Kelly, San Bazilju kiteb li fi zmien kien hemm hafna li jemmnu li Marija kellha tfal ohra wara Gesu', ghalkemm hu kien jahsibha mod iehor. Qal ukoll li b'daqshekk ma kienux imorru kontra il-fidi Kristjana.

Fost dawk li kienu jemmnu li Marija kellha tfal ohra wara Gesu' nsibu:

- San Irinew ta' Lyons (140–202). Against Heresies

Qabel ma Guzeppi gharaf lil Marija, sakemm mela kienet ghadha vergni, nstabet tqila bit-Tifel permezz ta' l-Ispirtu s-Santu.

- Tertulljanu (160–240). Against Marcion

Marija ma baqghetx vergni wara t-twelid ta' Gesu'. L-ahwa ta' Gesu' kienu verament hutu, hutu mid-demm.

- Hegesippus.Kwotat minn Eusebius, Church History of Eusebius

Guda kien hu l-Mulej skond il-gisem… Xmun kien il-kugin tal-Mulej.

<u>Immakulata</u>

L-Iskrittura tghallem li r-razza umana kollha midinba. Il-bnedmin kollha jitwieldu bid-dnub, bl-eccezzjoni ta' Gesu' Kristu, l-Iben t'Alla, imnissel mill-Ispirtu s-Santu fil-vergni Marija. Is-Santi Padri jaqblu li Kristu huwa l-uniku eccezzjoni.

- San Polikarpu (69-155). Epistle of S Polycarp, to the Philippians

Ejjew kontinwament nippreservaw fit-tama u l-gustizzja taghna, li hi Gesu' Kristu… li ma dinibx u l-anqas gideb.

- San Gustinu l-Martri (100-165).Dialogue with Trypho

Kull wiehed wettaq dnubiet personali… Ir-razza kollha ta' l-umanita' tinsab taht sahta… Hadd m'ghamel kollox ezatt skond il-ligi t'Alla, hadd ma jista' jichad dan.

- San Irinew ta' Lyons (140-202). Writings of Irenaeus

Kristu, li hu pur u bla dnub.

- Klement ta' Lixandra (150-216). Instructor

l-Iben hu bla dnub, bla htija… Alla ghalina Hu bla tebgha. Lejh ghandha tersaq ruhna… Hu biss imhallef ghax Hu biss bla dnub…. Il-Kelma li fuqu qed nitkellmu hu wahdu bla dnub… Id-dnub hu naturali u komuni ghal kulhadd.

- Ewsebju ta' Caesarea (263-340) – Demonstratio Evangelica

Hu (Gesu') ma kien jaf l-ebda dnub

- San Cirillu ta' Gerusalemm Isqof (315-86) Catechetical Lectures

Wiehed biss hu bla dnub, Gesu'

- San Gregorju ta' Nazianzum, isqof ta' Kostantinopoli. (329-389) Orations

Gesu'…. Ma kellux bzonn ikun purifikat, Hu li jnehhi d-dnub tad-dinja… Hu bla dnub…

- San Gilormu (347-420), Against the Pelagians, jisfida lill-eretici,

Aghtuni ezempju wiehed ta' xi hadd li kien minn dejjem minghajr dnub,

u jfakkar fit-taghlim ta',

- Ciprijanu ta' Kartagni (it-tielet seklu).

hadd ma hu bla tebgha u minghajr dnub.

- Ambrose, On Repentance, u kwotat ukoll minn Sant Wistin, Isqof ta' Ippona (353-430). On the Grace of Christ, On Original Sin

Hu (Gesu') bla dnub… Ghax ahna kollha nitwieldu taht id-dnub… Hadd mwieled minn mara u ragel… hu mehlus mid-dnub

- Sant Wistin, Isqof ta' Ippona (353–430). A Treatise on the Grace of Christ and On Original Sin; On the Trinity and The Enchiridion. On Rebuke and Grace; De Peccatorum Meritis

Kristu… bla dnub… Hadd hlief Alla wahdu hu bla dnub… minn dawk kollha li twieldu minn mara, il-Mulej Gesu' biss hu qaddis. Kristu… li ma kellu l-ebda dnub…. Id-dnub ghadda fuq il-bnedmin kollha. … Hadd mhu bla dnub… ghax kollha dinbu… u neqsin mill-glorja t'Alla…. Marija… mietet minhabba d-dnub.

- Mathetes, The Epistle to Diognetus

l-Iben… il-wiehed bla htija

- Basil, Letter

il-Mulej miet ghal kulhadd

- Vincent ta' Lerins (Seklu 5) – Sulpitius Severus

Ir-razza kollha umana hi nvoluta fil-htija tad-dnub ta' Adam.

Fis-seklu 12 Eadmer zvilppa t-taghlim li l-Madonna ma kellhiex u ma ghamlitx dnubiet. Bejn is-snin 1265 u 1308 Duns Scotus, u l-patrijiet Frangiskani komplew jghallmu li l-Madonna qatt ma kellha jew ghamlet dnubiet tul hajjitha kollha.

Madankollu Kattolici prominenti bhal San Bernard ta' Clairvaux, Tumas Akwina (1225-1274), u l-Ordni tal-patrijiet Dumnikani; kollha ghallmu li Marija kellha d-dnub tan-nisel.

Il-Papiet Pawlu V, Girgor XV u Alessandru VII ghallmu kontra t-tnissil minghajr dnub ta' Marija.

Minkejja l-oppozizzjoni mill-aqwa dutturi Kattolici, fl-1854 il-Papa Piju IX (1846-1878) pproklama domma tal-fidi li l-Madonna kienet immakulata, bla dnub, mit-tnissil taghha. Zied iwissi li jekk xi hadd jahseb mod iehor ikun ikkundannat u tilef il-fidi.

<u>L-Assunzjoni</u>

Fil-knisja bikrija ma kinux jemmnu fl-Assunjoni.

- Epifanju (seklu 4). Panarion, kiteb li fi zmienu hadd ma kien jaf it-tmiem ta' Marija.

Fl-Iskrittura m'hemm xejn dwar il-mewt ta' Marija … ghax hadd ma jaf it-tmiem taghha.

Girgor ta' Tours (590), Indri' ta' Kreta, Modest ta' Gerusalemm (seklu 7), u Gwanni Damaxxenu (seklu 8), bdew jghallmu li Marija giet imtellgha s-sema. Bejn l-ahhar tas-seklu 7 u s-seklu 13 din id-dottrina kienet accettata fost il-Kattolici.

L-Enciklopedija tal-Knisja Kattolika tammetti; li t-twemmin li Marija telghet is-sema bir-ruh u l-gisem, ma joriginax mill-Iskrittura imma minn kitba eretika tas-seklu erbgha (De Transitus Mariae).

- Infatti fis-sena 495 Gelasju I, Isqof ta' Ruma ikkundanna dan il-ktieb, u hareg dan id-digriet, Epistle

Dawn il-kotba miktuba minn eretici… Il-Knisja Kattolika u Appostolika Rumana bl-ebda mod ma taccetthom (De Transitus Mariae) … u l-Kattolici ghandhom jevitawhom. … dawn il-kotba… miktuba mill-eretici… nistqarru li gew mhux biss michuda, imma wkoll mwarrbin mill-Knisja Rumana u Appostolika kollha, u kkundannat ghal dejjem, taht ir-rabta li ma tinhalx tas-sahta (anathema), lill-awturi taghhom, u dawk li jaccettawhom.

L-Enciklopedija tal-Knisja Kattolika tikkonferma dan id-degriet ta' Papa Gelasju 1.Hekk rega' ghamel Harmisdas, Isqof ta' Ruma, fis-seklu sitta.

Xi kittieba Kattolici jirreferu ghal mara fil-ktieb tar-Rivelazzjoni bhala prova ta' l-assunzjoni ta' Marija fis-sema. Madankollu, is-Santi Padri kienu jfissruha bhala simbolu tal-knisja u mhux ta' Marija.

- San Ippolitu (it-tielet seklu Ruma). Treatise on Christ

Il-mara mlibbsa x-xemx, hu car li ried ifisser il-Knisja.

- Victorinus.Commentary on the Apocalypse of John

Il-mara… hi l-Knisja; il-profeti, il-qaddisin, l-appostli.

- Methodius. The Banquet, Discourse

Il-mara li dehret fis-sema mlibbsa bix-xemx, u nkurunata bi tnax-il stilla, u ghandha l-qamar b'mirfes riglejha, u ghandha tifel, u qed tbati biex twelled… hi zgur li l-profeti… xi drabi sejjhu Gerusalem, kultant Gharusa, kultant Muntanja Sijon, kultant it-Tempju u t-Tabernaklu t'Alla… Hi l-Knisja.

Fl-1 ta' Novembru sena 1950, il-Papa Piju XII ipproklama domma tal-fidi li l-Madonna telghet is-sema bir-ruh u bil-gisem. Zied iwissi li min jichad jew jiddubita l-assunzjoni ta' Marija jkun waqa' kompletament mill-fidi.

Talb u Ruzarju

Fil-knisja bikrija,

- Klement ta' Lixandra (150-216). The Stromata

It-talb hu… konverzazzjoni m'Alla… ghax Alla jisma' dejjem anki l-konverzazzjoni nterna…

- Tertulljanu (160-240). On Prayer

Alla biss seta' jghallimna kif hu ried li ahna nitolbu lejh. Ir-riti kollha religjuzi tat-talb mela: mwaqqfa minn Alla nnifsu b'rieda Divina; jitilghu s-smewwiet skond kif l-Iben ghallem…. Imdawrin b'salmi u nnijiet; nersqu lejn Alla, biex nottjenu kollox minghand Alla.

- Ciprijanu ta' Kartagni (it-tielet seklu). On the Lord's Prayer

Itolbu… lil Mulej… lil hadd hlief lil Mulej… lil Alla biss… Lil Alla… nitolbu

- Lactantius. The Divine Institutes

dawk li jitolbu lill-mejtin… se jsofru kastig, tal-htija u nuqqas ta' tjieba taghhom, talli huma rribellaw kontra Alla… u ghamlu riti mill-aghar, u kisru kull ligi sagra.

- Girgor Thaumaturgus. Oration, Panegyric

Ejjew inkantaw tifhir u nnijiet, ghad unur is-Sultan u l-Mexxej ta' kollox, il-font tal-grazzji kollha u l-fejqan tal-morda. Hu biss kapaci jaghtina dak li jonqosna. Hu r-Rebbieh u s-Salvatur ta' ruhna. Hu l-Kelma t'Alla, il-Hallieq u l-Mexxej ta' kollox. Permezz tieghu biss: privatament jew individwalment; publikament jew flimkien, noffru lil Alla ringrazzjament bla waqfien u interrot.

Bejn il-bidu tat-tieni seklu u s-seklu erbgha, beda diehel bil-mod il-mod, talb lill-Madonna u qaddisin mejta. L-origini tar-ruzarju mhix certa; hemm min jahseb li beda minn patri Dumnikan Alan de Rupe fis-seklu hmistax. Diversi papiet wara dan iz-zmien kitbu favur ir-ruzarju.

It-talb kollu fl-Iskrittura huwa indirizzat lil Alla. M'hemmx ezempju wiehed ta' talb lill-qaddisin fil-genna. It-tradizzjoni umana bidlet kollox: kuljum il-Kattolici jindirizzaw lil Marija u l-mejtin fit-talb. Gesu' ghallimna biss li meta nitolbu, ma noqghodux nirrepetu l-istess talb, u biex nindirizzaw talbna lil "Missierna li inti fis-smewwiet!" (Mattew 6:9.).

Ko-redentrici

Fis-seklu tlettax il-Frangiskan Bonaventura (1221-1274) ghallem li l-Madonna hi s-salvazzjoni ta' dawk li jinvokawha. Fis-seklu tmintax, San Alfons Liguori (1696-1787), ghallem fil-ktejjeb li ghadu popolari sal-lum, Il-Glorji ta' Marija, li l-Madonna hi l-medjatrici tas-salvazzjoni taghna; is-sellum u l-bieb tas-sema, u hadd ma jircievi grazzja jekk mhux permezz tal-Madonna. Fl-ewwel kwart tas-seklu ghoxrin, Benedittu XV (1914-1922) u Piju XI bdew jghallmu li l-Madonna hi ko-redentrici. Il-Papa Gwanni Pawlu II qal: "Ghalkemm mnissla u mwielda minghajr tebgha tad-dnub, Marija hadet sehem shih fit-tbatija ta' binha divin, biex tkun il-ko-redentrici ta' l-umanita'" (Insegnamenti di Giovanni Paolo II, 1982).

Mhemmx ghalfejn nghidu, dan it-taghlim la jinstab fil-knisja bikrija u wisq anqas fil-kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa. Il-feddej wahdieni tal-bniedem hu Gesu', il-Messija mibghut min Alla, biex jaghti hajtu b'fidwa ghal hafna.

Omm il-bnedmin

L-Iskrittura tghallem li qabel miet, Gesu' halla lil ommu f'idejn Gwanni biex jiehu hsiebha (Gwann 19:26-27.). F'din il-grajja, Gesu' m'ghamilx lil Marija omm il-bnedmin, izda sempliciment ried ihalliha f'idejn id-dixxiplu mahbub tieghu Gwanni biex jiehu hsiebha wara t-tluq tieghu. Fost dawk li kienu jemmnu hekk insibu:

- Sant Wistin, Isqof ta' Ippona (353-430). Tractates on John

L-ghalliem it-tajjeb ifakkarna x'suppost isir, u bl-ezempju tieghu stess ta' struzzjonijiet lid-dixxipli tieghu li l-kura tal-genituri taghhom ghandha tkun materja ta' hsieb ghal tfal twajba. Minn din id-duttrina kollha kien li l-appostlu Pawlu tghallem, dak li hu wara ghallem meta qal, Jekk xi hadd ma jipprovdix ghal tieghu stess, u specjalment ghal dawk tad-dar tieghu stess, hu jkun cahad il-fidi, u hu aghar minn pagan. Il-veru ghalliem tal-qaddisin ghamel ezempju minnu nnifsu, meta mhux bhal Alla ghas-seftura, li hu stess kien halaq u ggverna; imma bhala ragel ghall-omm li hu kien ser ihalli, Hu pprovda sa certu punt tifel iehor minfloku. U ghala ghamel hekk, Hu jindikah bil-kliem li jkomplu, ghax l-

evangelista jghid, U minn dik is-siegha id-dixxiplu hadha ghandu. Dak kollu li kien necessarju ghaliha kien afdat fil-kura tieghu.

- Gwanni Krisostmu ( 347-407 ) Homilies on the Gospel of John

L-Mulej fuq is-salib, halla lil ommu mad-dixxiplu, u ghallimna biex sa l-ahhar nifs nuru kull attenzjoni ghall-genituri… Ommu kien ser ikollha d-dwejjaq u bzonn ta' protezzjoni; u Hu rraguna li jhalliha mad-dixxiplu l-mahbub… u dan hadha d-dar tieghu stess.

**Purgatorju**

Bhalma tghallem l-Iskrittura, il-Kristjani fil-knisja bikrija kienu jemmnu li wara l-mewt hemm zewg destini, il-Genna jew l-Infern. Il-Kristjani jittamaw f'hajja ahjar.

- San Klement, isqof ta' Ruma (80-101). First Clement

Dawk li permezz tal-grazzja t'Alla kienu maghmulin perfetti fl-imhabba, issa jipposjedu post fost dawk li huma t'Alla.

- San Polikarpu (69-155). Epistle of S Polycarp to the Philippians

Min imut fil-fidi u gust, imur fil-prezenza tal-Mulej

- San Gustinu l-Martri (100-165) Dialogue with Trypho, The First Apology

L-erwieh tat-tajbin jibqghu go post ahjar, waqt li dawk ta' l-ingusti u l-hziena huma f'post aghar…. Emmen f'Gesu Kristu, u b'hekk fit–tieni ritorn Trijonfanti tieghu, inti tkun salvat, u mhux ikkundannat… lejn in-nar ta' l-infern

- San Irinew ta' Lyons(140-202). Against Heresies

l-erwieh tal-mejtin tajbin jmorru l-genna

- Il-knisja ta' Smirni (155). The Martyrdom of Polycarp

Polikarpu, flimkien ma' l-appostli u dawk kollha gusti fis-sema, bil-ferh jigglorifikaw lil Alla.

- Commodianus. The Instructions of Commadianus in Favour of Christian Discipline

dawk li jemmnu fi Kristu jitwasslu f'post tajjeb

- Athenagoras. A plea for the Christians

meta nitnehhew mill-hajja prezenti, nghixu hajja ohra, ahjar mill-hajja t'issa, tas-sema, mhux tad-dinja. Nghixu hdejn Alla u mieghu, minghajr bidla u minghajr tbatija tar-ruh.

- Gregory Thaumaturgus. A Metaphrase of the Book

Il-bniedem it-tajjeb jitlaq bil-ferh lejn id-dar tieghu ta' dejjem, imma l-vili ser jimlew il-postijiet kollha taghhom bil-biki.

Biz-zmien dahlet l-ideja tal-purgatorju, duttrina li, kif jammettu xi Kattolici, bhal Fr Richard Mc Brian, m'hemm l-ebda bazi Skritturali ghaliha. L-idea ta' xi forma ta' purgatorju, jew tindif, wara l-mewt insibuha f'religjonijiet pagani.

Vigilju l-poeta Ruman; li ma kienx jemmen f'Alla ta' l-Iskrittura u li kien jghix fl-ewwel seklu qabel Kristu (70-19 QK), tkellem dwar il-purgatorju fl-Aeneid.

Tertuljanu spekula fit-tielet seklu dwar post wiehed ta' mistrieh fejn ir-ruh; kemm tajba jew hazina, iddum sa zmien il-gudizzju. Dan il-hsieb hu differenti mill-purgatorju, li hu post ta' tbatija u fejn ir-ruh iddum sakemm titnaddaf.

Fil-hames seklu Sant Wistin (353-430) spekula dwar il-possibilita' ta' tisfija wara l-mewt permezz ta' tbatija. Fi zmienu l-purgatorju ma kienx dottrina milqugha mill-knisja Kattolika: Jekk xi kredenti jghaddux minn nar ta' tindif hi kwistjoni li wiehed jista' jistaqsi fuqha. Min hu zgur minnha u min jibqa' dubbjuz. – The Enchiridion. L-ispekulazzjoni inbidlet f'certezza. Ghal tmiem is-seklu sitta l-Papa Girgor I (590-604) ghallem favur il-purgatorju, il-post wara l-mewt fejn jitnaddfu d-dnubiet.

Il-purgatorju jnissel il-biza'. Jista' bniedem jaghmel xi haga f'din id-dinja biex jehles mill-purgatorju? It-twegiba tal-knisja Kattolika kienet l-indulgenzi, il-mahfra moghtija mill-knisja tal-piena tad-dnub. Altrimenti wiehed ikollu jhallas ghalihom bil-penitenzi f'din id-dinja u bit-torment fil-purgatorju.

Mal-purgatorju dahlu s-superstizzjonijiet u n-negozju. Fil-bidu tas-seklu sittax, il-patri Dumnikan Gwanni Tetzel kien idur mal-Germanja ibigh l-indulgenzi biex jiffinanzja l-bini ta' San Pietru f'Ruma. Patri iehor, Martinu Luteru, ipprotesta kontra dawn l-abbuzi. Ma damx wisq il-papa ma skumnikah, u min hawn bdiet ir-Riforma Protestanta.

L-indulgenzi mhumiex xi haga tal-passat; il-knisja Kattolika moderna ghadha tishaq fuqhom (ara Katakizmu tal-Knisja Kattolika, paragrafi 1030, 1031, 1471 sa 1479, 1498). Fis-sena 2000, is-sena tal-gublew, il-Vatikan gibed eluf ta' pellegrini lejn Ruma bit-tama li jaqilghu indulgenza. Imma l-oggezzjoni taghna mhix dwar flus u abbuzi, izda dwar it-taghlim fuq il-purgatorju u l-indulgenzi, ghax ma jhallux il-Kattolici jafdaw ghal kollox fil-hniena t'Alla ghall-mahfra shiha: "Jekk xi hadd jghid li wara li jkun ircieva l-grazzja tal-gustifikazzjoni, id-dejn tal-piena eterna huwa hekk mahfur lil midneb li jindem, li ma jibqa' ebda dejn ta' piena temporali x'tithallas f'din id-dinja u fid-dinja li gejja fil-purgatorju, qabel jinfetahlu l-bieb tas-saltna tas-sema, ha jkun mishut" [Koncilju ta' Trentu, (1545 u wara) sessjoni VI].

**Xbihat religjuzi**

L-Iskrittura twissi kontra l-qima u l-venerazzjoni ta' xbihat religjuzi (Atti 17:29, Rumani 1:23.).

Il-kittieba patristici bikrin kitbu car kontra l-uzu ta' xbihat fil-qima religjuza.

- Lactantius. Divine Institutes

mhemmx religjon fejn hemm ix-xbihat… xbihat mhumiex fir-religjon…

- San Gustinu l-Martri (100-165). First Apology

Ahna ma nonorawx xbihat

- San Irinew ta’ Lyons (140-202). Against Heresies

Twemmin zbaljat huwa l-unur lejn ix-xbihat, bhal ma jaghmlu l-pagani…. Eretiku… hu l-uzu ta’ xbihat…

- Klement ta' Lixandra (150-216). Stromata

l-Iskrittura tghallem l-gherf meta tordna astinenza minn kull immagni sensibbli… Il-familjarita' ma' dak li jaraw l-ghajnejn tnaqqas il-qima lejn dak li hu Divin. Tkun turi dizunur meta tqim l-immaterjali bi hwejjeg materjali.

- Tertuljanu (160-240). Against Marcion, Apology

Immagni, statwa jew xbieha mhux permessi mill-ligi… Ahna nirrifjutaw ir-rispett taghna lil statwi u xbihat.

- Ewsebju ta’ Caesarea (263-340), Church History

Statwi… xbihat… pitturi… drawwiet pagani

- San Gilormu (347-420); Letter, kwotat minn Epifanju (seklu 4)

Immagni ta’ Kristu jew xi hadd mill-mejtin… hi kuntrarju ghat-taghlim ta’ l-Iskrittura… hi kuntrarju ghar-religjon taghna… hi okkazjoni ta’ offiza mhux denja kemm bhal Knisja ta’ Kristu u lejn il-Kristjani.

- Minucius Felix u Octavius, The Octavius of Minucius Felix

Il-Kristjani m’ghandhomx la altari, la tempji, la xbihat.

- Athenogras. A Plea for the Christians

ahna ma mmorrux quddiem xbihat

Il-Koncilju ta' Elvira fis-sena 306 amar li fejn jiltaqghu l-Kristjani m'ghandux ikun hemm xbihat.

Fis-seklu tmienja u disgha kien hemm kontroversja kbira fost il-Kattolici; kien hemm min ma riedx li jkun hemm statwi (il-Koncilju ta’ Kostantinopli 730 u wara), u kien hemm min bil-kuntrarju ried li jkun hemm statwi (il-Koncilju ta’ Niceja 786). Minn dak iz-zmien, ix-xbihat dahlu u saru parti integrali mill-qima fil-Knisja Kattolika. Ir-Raba' Koncilju ta' Kostantinopli (seklu 9) u l-Koncilju ta’ Trentu (1545 u wara) jishtu lil min ma jaghtix gieh lix-xbihat ta' Kristu u l-qaddisin, ghalkemm Koncilji qabilhom jaffermaw ezattament il-kuntrarju.

Bil-kliem u l-ezempju, il-Papa prezenti ghandu jghallem u jheggeg lill-Kattolici biex jaghtu qima lill-istatwi ta' Kristu, il-Madonna u qaddisin ohra. Il-Katekizmu jinsisti fuq l-uzu u l-htiega tax-xbihat, bhala ghajnua fil-qima religjuza u jassigura lill-qarrejja li dan ma jmurx kontra l-Kelma t’Alla (ara Katekizmu tal-Knisja Kattolika, paragrafi 1159, 1161, 1192, 2132, 2705).

## 5. KONKLUZJONI

X'inkunu qlajna jekk nintebhu u naghrfu li r-religjon tal-knisja Rumana hi mhassra b'hafna taghlim u prattici ta' origini umana? Inkunu ksibna xi haga ghal ruhna? Lanqas xejn. Jekk intbahna li l-vapur imtaqqab u qed jimtela l-ilma, ma jiswa xejn jekk nishtu l-vapur u naqbzu l-bahar. Fl-ahhar mill-ahhar neghrqu xorta wahda.

Semmajna l-allarm biex nigbdu l-attenzjoni ghall-periklu li qeghdin fih u biex nirkbu fuq id-daghjsa tas-salvatagg, li hi Kristu! Fih insibu s-salvazzjoni, il-helsien mill-kundanna u serhan ghal ruhna. Hu jwassalna shah sa xatt is-smewwiet. Fl-Iskrittura ghandna l-gherf kollu li nehtieghu biex naghrfu r-rieda t'Alla u nghixu hajja kif toghgob lilu. M'ghandiex nibqghu nittamaw f'ebda persuna ohra jew fit-tjieba u l-ghemejjel taghna. Ghandna nemmnu biss fi Kristu. Inhallu f'idejh dak li ahna qatt ma stajna naghmlu: it-tpattija ta' dnubietna u d-dritt ghall-Genna. Gesu' ta hajtu b'fidwa ghal hafna. Is-sagrificcju tieghu kien milquh mill-Missier. Nafu dan ghax Kristu qam mill-imwiet. Qieghed fis-sema jsejjah lill-midinbin: "Ejjew ghandi, intom ilkoll li tahdmu, u li intom imghobbijin wisq, u jien inserrahkom.", (Mattew 11:28). Fih insibu l-mahfra u l-hajja. "Ejjew ghandi." Kristu ma jqarraqx bina zgur!

Zomm f'mohhok li l-Knisja hi dawk li isejjhu isem Kristu; u mhux xi Post jew knisja Partikolari li ssejjah lilha nfisha. Inti ssejjah isem Kristu?

- Klement ta' Lixandra (150-216). The Stromata

mhux il-post, imma l-laqgha ta' l-imsejjhin, li jien insejjah il-Knisja.

- Lactantius The Divine Institutes

Il-knisja, li hi t-tempju veru t'Alla, li ma tikkonsistix f'hitan, imma fil-qlub u l-fidi ta' nies li jemmnu Fih.

**Biblijografija**


1. Boettner L; Roman Catholicism, P&R Publishing.
2. Catholic, But Not Roman Catholic, www.ntrmin.org/resources/cbnrc.zip (download)
3. Christian Resources, articles www.christiantruth.com/articles.html
4. Collins, MA; Unmasking Catholicism. www.unmaskingcatholicism.com
5. Enciklopedija Kattolika: www.newadvent.org/cathen/
6. Il-Koncilju ta' Trentu: http://history.hanover.edu/early/trent.htm
7. Il-Ligi Kanonika tal-Knisja Kattolika: www.intratext.com/X/ENG0017.htm
8. Katekizmu tal-Knisja Kattolika, 1993, Arcidjocesi ta' Malta.
9. Kitbiet tas-Santi Padri: www.ccel.org www.newadvent.org/fathers
10. Roman Catholic Corner www.ntrmin.org/rccorner.htm
11. Webster, W; The Church of Rome at the Bar of History, Banner of Truth.


---


Copyright, Renald Williams.

Jekk tixtieq aktar letteratura Kristjana,
ibghat SMS lil Renald fuq 79280325,
jew zur dawn il-websites:
www.tecmalta.org/malti.htm
www.justforcatholics.org/malti.htm

---